ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 228

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

1 ta' Settembru 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 791/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jistipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew** 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 793/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib** 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 12

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Settembru 2009 14

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2009/115/KE tal-31 ta' Awwissu 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tal-methomyl bħala sustanza attiva** ([1]) 17

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Il-Kummissjoni

2009/626/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 dwar l-iskema ta' għajnuna C 2/08 (dik li qabel kienet Nru 572/07) dwar l-emenda tas-sistema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ marittimu li l-Irlanda qed tippjana li timplimenta** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 688)* ([1]) 20

ORJENTAZZJONIJIET

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2009/627/KE:

★ **Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Lulju 2009 dwar l-istatistika finanzjarja tal-gvern (abbozzata mill-ġdid) *(BĊE/2009/20)*** 25

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 791/2009

tal-31 ta' Awwissu 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-1 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	40,3
	XS	37,6
	ZZ	39,0
0707 00 05	MK	33,2
	TR	96,4
	ZZ	64,8
0709 90 70	TR	106,5
	ZZ	106,5
0805 50 10	AR	104,8
	BR	122,7
	UY	119,3
	ZA	108,5
	ZZ	113,8
0806 10 10	EG	155,8
	TR	106,4
	ZZ	131,1
0808 10 80	AR	114,0
	BR	61,1
	CL	80,6
	CN	67,1
	NZ	83,9
	ZA	83,3
	ZZ	81,7
0808 20 50	AR	145,7
	TR	122,4
	ZA	88,8
	ZZ	119,0
0809 30	TR	133,9
	ZZ	133,9
0809 40 05	IL	93,9
	ZZ	93,9

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 792/2009

tal-31 ta' Awwissu 2009

li jistipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri tal-Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 192(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 142(q) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba l-użu ġeneralizzat tat-teknoloġiji l-ġodda tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni u l-Istati Membri – b'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) – id-dokumenti li jkollhom sew il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri qed ikunu dejjem aktar f'forma elettronika jew diġitizzata.

(2) Il-Kummissjoni qawwiet l-isforzi tagħha biex tiżviluppa sistemi kompjuterizzati li jippermettulha timmaniġġa elettronikament dokumenti u proċeduri fil-proċeduri interni tal-ħidma tagħha u fir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet involuti fil-PAK. Fl-istess waqt, l-Istati Membri żviluppaw sistemi kompjuterizzati fil-livell nazzjonali, biex jaqdu r-rekwiżiti tal-ġestjoni konġunta tal-PAK.

(3) F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-ħtieġa li tkun żgurata ġestjoni uniformi u armonizzata tal-PAK min-naħa ta' dawk kollha involuti, għandu jiġi stabbilit qafas legali biex jipprovdi għar-regoli komuni applikabbli għas-sistemi tal-informazzjoni maħluqa biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet jew il-korpi ddeżinjati minnhom skont il-PAK jinnotifikaw informazzjoni u dokumenti lill-Kummissjoni.

(4) Biex dawn il-miri jintlaħqu effettivament, l-ambitu ta' dan il-qafas legali għandu jkun definit, sew fir-rigward tal-leġiżlazzjoni kif ukoll tal-atturi kkonċernati.

(5) Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, ir-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru 73/2009, flimkien mad-dispożizzjonijiet implimentattivi tagħhom (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti tal-PAK") jistipulaw firxa wiesgħa ta' obbligi fuq l-Istati Membri biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti. Għaldaqstant, għandhom jitqiesu skont il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

(6) Fir-rigward tal-atturi involuti, id-drittijiet u l-obbligi stipulati fir-Regolamenti tal-PAK, sew għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri u l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti tagħhom, jesiġu l-identifikazzjoni preċiża tal-individwi u l-awtoritajiet responsabbli għall-azzjonijiet u l-miżuri meħuda.

(7) Ir-Regolamenti tal-PAK ġeneralment jipprovdu li l-informazzjoni għandha tingħadda elettronikament jew permezz ta' sistema tal-informazzjoni, imma mhux neċessarjament jispeċifikaw il-prinċipji applikabbli. Biex il-konsistenza u l-ġestjoni tajba jkunu żgurati, u biex il-proċeduri għall-utenti u l-awtoritajiet responsabbli għas-sistemi jsiru aktar sempliċi, għaldaqstant ikun f'loku li jiġu stabbiliti l-prinċipji komuni applikabbli għas-sistemi tal-informazzjoni kollha implimentati.

[1] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.
[2] ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1.
[3] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[4] ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.
[5] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

(8) Biex id-dokumenti jkunu rikonoxxuti bħala validi għall-finijiet tal-Kummissjoni u fl-Istati Membri, għandu jkun possibbli li l-awtentiċità, l-integrità u l-leġġibbiltà tad-dokumenti u tal-metadejta assoċjata jkunu ggarantiti fit-tul, għall-perjodu kollu li matulu hemm obbligu li jinżammu.

(9) Bil-għan li tingħata din il-garanzija, l-awtoritajiet jew l-individwi awtorizzati biex jibagħtu l-komunikazzjonijiet dejjem għandhom ikunu identifikati fis-sistemi tal-informazzjoni implimentati, abbażi tas-setgħat allokati lilhom. Il-proċess ta' identifikazzjoni jeħtieġlu jkun taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti msemmija f'kull wieħed mir-Regolamenti tal-PAK. Madankollu, f'ġieħ il-ġestjoni tajba, għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għad-deżinjazzjoni tal-individwi awtorizzati, bi provvediment biex id-deżinjazzjoni sseħħ permezz ta' korp waħdieni ta' kollegament. Barra minn hekk, għandhom jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-għoti tad-drittijiet tal-aċċess għas-sistemi tal-informazzjoni mwaqqfa mill-Kummissjoni.

(10) Fid-dawl tal-firxa wiesgħa ta' obbligi ta' notifika koperti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, is-sistemi tal-informazzjoni se jitqiegħdu gradwalment għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-obbligu li n-notifika ssir permezz ta' dawk is-sistemi tal-informazzjoni għandu jkun applikabbli meta d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolamenti tal-PAK jipprovdu għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(11) Jeħtieġ li l-ġestjoni tad-dokumenti tkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali. Għal dak il-għan, għandhom japplikaw ir-regoli ġenerali stipulati bil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, partikolarment id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([1]), id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([3]), u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([4]).

(12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti u l-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
([3]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
([4]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli applikabbli għan-notifika, permezz ta' sistemi tal-informazzjoni, tal-informazzjoni u d-dokumenti (minn hawn 'il quddiem "dokumenti") kif meħtieġa biex jaqdu l-obbligi ta' komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, skont:

— ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 u r-regoli implimentattivi tiegħu;

— ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 u r-regoli implimentattivi tiegħu;

— ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u r-regoli implimentattivi tiegħu;

— ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 u r-regoli implimentattivi tiegħu;

— ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 u r-regoli implimentattivi tiegħu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "obbligu ta' notifika" tfisser l-obbligu li l-Istati Membri jressqu dokumenti lill-Kummissjoni, kif ipprovdut fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 1;

(b) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet jew il-korpi ddeżinjati mill-Istati Membri bir-responsabbiltà li jaqdu l-obbligu ta' notifika;

(ċ) "awtorità responsabbli għas-sistemi tal-informazzjoni" tfisser l-awtorità, id-dipartiment, il-korp jew il-persuna li jkollu/jkollha r-responsabbiltà fil-Kummissjoni biex jivvalida/tivvalida u juża/tuża s-sistema, u li jkun/tkun identifikat/a bħala tali f'dik is-sistema;

(d) "metadejta" tfisser id-dejta li tiddeskrivi l-kuntest, il-kontenut u l-istruttura tad-dokumenti u l-ġestjoni tagħhom maż-żmien.

KAPITOLU II

SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI TAL-KUMMISSJONI, DRITTIJIET TAL-AĊĊESS U AWTENTIĊITÀ TAD-DOKUMENTI

Artikolu 3

Sistemi tal-informazzjoni tal-Kummissjoni

Biex jinqdew l-obbligi ta' notifika, id-dokumenti għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni permezz tas-sistemi tal-informazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, minn hawn 'il quddiem imsejħa "s-sistemi tal-informazzjoni", mid-data li l-obbligu ta' notifika korrispondenti tipprovdi għall-obbligu tal-użu ta' dawk is-sistemi skont dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Drittijiet tal-aċċess u korp waħdieni ta' kollegament

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jagħtu d-drittijiet tal-aċċess u biex jiċċertifikaw l-identità ta' dawk awtorizzati biex ikollhom aċċess għas-sistemi (minn hawn 'il quddiem "l-utenti").

2. Fir-rigward tal-aċċess għas-sistemi, kull Stat Membru għandu:

(a) jiddeżinja korp waħdieni ta' kollegament responsabbli biex:

(i) jivvalida, għal kull sistema, id-drittijiet tal-aċċess mogħtija u aġġornati mill-awtoritajiet kompetenti u l-identità ċċertifikata tal-utenti awtorizzzati biex ikollhom aċċess għas-sistemi;

(ii) jinnotifika lill-Kummissjoni l-awtoritajiet kompetenti u l-utenti awtorizzzati biex ikollhom aċċess għas-sistemi.

(b) jgħarraf lill-Kummissjoni bl-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' kollegament li jkun iddeżinja.

Wara li d-drittijiet tal-aċċess ikunu ġew ivvalidati, l-awtorità responsabbli għas-sistemi tal-informazzjoni għandha tattivahom.

Artikolu 5

Stabbiliment u notifika tad-dokumenti

1. Id-dokumenti għandhom jiġu stabbiliti u nnotifikati skont il-proċeduri stabbiliti mis-sistemi tal-informazzjoni, bl-użu ta' mudelli jew metodi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti permezz ta' dawk is-sistemi tal-informazzjoni, taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u skont id-drittijiet tal-aċċess mogħtija mill-awtoritajiet inkwistjoni. Dawk il-mudelli u l-metodi għandhom ikunu emendati u jsiru disponibbli wara li l-utenti tas-sistema relatata jkunu ġew mgħarrfa bihom.

2. F'każijiet ta' forza maġġuri jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, u b'mod partikolari meta s-sistema tal-informazzjoni ma tkunx qed taħdem tajjeb jew meta jkun hemm nuqqas ta' konnessjoni dejjiema, l-Istat Membru jista' jressaq id-dokumenti lill-Kummissjoni fil-forma ta' kopja stampata jew b'mezzi elettroniċi alternattivi adattati. It-tali tressiq ta' kopji stampati jew b'mezzi elettroniċi alternattivi għandu jirrikjedi avviż motivat mibgħut bil-quddiem lill-Kummissjoni fiż-żmien dovut qabel l-iskadenza tan-notifika.

Artikolu 6

Awtentiċità tad-dokumenti

L-awtentiċità ta' dokument innotifikat jew miżmum permzz ta' sistema tal-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament hija rrikonoxxuta jekk il-persuna li tkun bagħtet id-dokument tkun identifikata kif suppost u jekk id-dokument ikun ġie stabbilit u nnotifikat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

INTEGRITÀ U LEĠĠIBBILTÀ MAŻ-ŻMIEN U PROTEZZJONI TAD-DEJTA PERSONALI

Artikolu 7

Integrità u leġġibbiltà maż-żmien

Is-sistemi tal-informazzjoni għandhom jipproteġu l-integrità tad-dokumenti nnotifikati u miżmuma.

B'mod partikolari, għandhom joffru l-garanziji li ġejjin:

(a) għandhom jippermettu lil kull utent ikun identifikat bl-ebda ekwivoku, u għandhom jinkorporaw miżuri effikaċi ta' kontroll tad-drittijiet tal-aċċess biex iħarsu kontra operazzjonijiet illegali, malizzjużi jew mhux awtorizzati ta' aċċess, it-tħassir, il-bdil jew iċ-ċaqliq ta' dokumenti, fajls, metadejta u stadji tal-proċedura;

(b) għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' protezzjoni fiżika kontra l-intrużjonijiet u l-inċidenti ambjentali, kif ukoll b'softwer ta' protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi;

(ċ) għandhom jipprevjenu, b'diversi mezzi, kwalunkwe tibdil mhux awtorizzat u jinkorporaw mekkaniżmi tal-integrità biex jivverifikaw jekk dokument ikunx inbidel maż-żmien;

(d) għandhom iżommu reġistru tat-tranżazzjonjiet għal kull stadju essenzjali tal-proċedura;

(e) għandhom jissalvagwardjaw id-dejta maħżuna f'ambjent li jkun sigur sew f'termini fiżiċi kif ukoll f'dawk tas-softwer, f'konformità mal-punt (b);

(f) għandhom jipprovdu proċeduri affidabbli għall-konverżjoni u l-migrazzjoni tal-format biex jiggarantixxu li d-dokumenti jkunu leġġibbli u aċċessibbli matul il-perjodu kollu meħtieġ tal-ħżin;

(g) għandu jkollhom dokumentazzjoni funzjonali u teknika ddettaljata u aġġornata biżżejjed dwar l-operat u l-karatteristiċi tas-sistema, b'tali mod li dik id-dokumentazzjoni tkun aċċessibbli f'kull waqt għall-entitajiet organizzattivi responsabbli għall-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u/jew tekniċi.

Artikolu 8

Protezzjoni tad-dejta personali

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw bla ħsara għar-Regolamenti (KE) Nru 45/2001 u (KE) Nru 1049/2001, id-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE u d-dispożizzjonijiet adottati skont dawk l-atti.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 793/2009

tal-31 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikoli 85 u 192, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [2] kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 258/2009 [3], jipprovdi miżura biex l-Istati Membri jirrapportaw annwalment dwar kemm ġiet użata l-kwota, id-distribuzzjoni tal-kwota mhux użata lill-produtturi, u fejn rilevanti, dwar il-ġbir tal-imposta dovuta mill-produtturi bl-iskop li jappoġġjaw is-superviżjoni tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kwota u partikolarment fil-kuntest tar-rapporti li se jiġu provduti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel it-tmiem tal-2010 u l-2012.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 [4], li r-regoli tiegħu ġew sostitwiti mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, bidlu r-rwol tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-imposta għaż-żejjed u b'riżultat ta' dan il-Kummissjoni mhijiex kompletament konxja tal-kwistjonijiet li jirriżultaw fil-ġbir tal-imposta. Peress li tagħrif bħal dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żviluppata evalwazzjoni kumplessiva tas-sistema u tal-implimentazzjoni tagħha, huwa xieraq li l-Istati Membri jipprovdu tagħrif rilevanti għal kull perjodu mill-2003/2004.

(3) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkomunikaw it-tagħrif rilevanti b'mod uniformi, jeħtieġ li tiġi stabbilita formola li tagħti l-ispeċifikazzjoni dettaljata għad-dejta.

(4) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 4 huwa sostitwit bil-paragrafi 4, 5 u 6 li ġejjin:

"4. Qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-użu tal-kwota u l-ġbir tal-imposta fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Marzu tal-istess sena kalendarja. Qabel l-1 ta' Diċembru, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw aġġornament tar-rapport lill-Kummissjoni biex ikun jinkludi kull tagħrif ġdid disponibbli u rilevanti.

5. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jinkludi t-tagħrif dwar ir-riallokazzjoni ta' kwota mhux użata inkluż l-għadd ta' produtturi li saru allokazzjonijiet għalihom u l-bażi għall-allokazzjonijiet. Fir-rapport, l-Istati Membri għandhom jinkludu tal-inqas it-tagħrif imsemmi fil-Parti 1 tal-Anness IIa. Fil-każ tar-rapport li għandu jiġi kkomunikat qabel l-1 ta' Ottubru 2009, dan għandu jipprovdi t-tagħrif rilevanti fir-rigward tal-perjodi ta' 12-il xahar kemm tal-2008/2009 kif ukoll tal-2007/2008.

6. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jistipula l-ammont ta' imposta għaż-żejjed imħallsa sa dik id-data lill-awtorità kompetenti, l-għadd ta' produtturi li qed jagħtu kontribut għall-ħlas ta' imposta għaż-żejjed imħallsa sa dik id-data, l-ammont u l-għadd ta' każijiet fejn l-imposta għad trid titħallas, u l-ammont u l-għadd ta' każijiet fejn l-imposta għaż-żejjed ġiet meqjusa impossibbli li tinġabar minħabba każ ta' falliment jew in-nuqqas konfermat fil-kapaċità tal-produtturi li jħallsu. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-tagħrif rilevanti fil-format stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IIa. Ir-rapport li għandu jiġi kkomunikat qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandu jinkludi d-dettalji fir-rigward tal-ġbir tal-imposta għal kull perjodu ta' 12-il xahar mill-2003/2004 'l quddiem, jew dettalji fir-rigward ta' kull perjodu ta' implimentazzjoni ta' 12-il xahar fil-każ tal-Istati Membri li implimentaw r-Regolament għall-ewwel darba wara l-2003/2004. Kull rapport sussegwenti għandu jaġġorna l-pożizzjoni fir-rigward tal-ġbir ta' kwalunkwe imposta għaż-żejjed li qabel kienet ġiet irrappurtata bħala mhux imħallsa".

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22.
[3] ĠU L 81, 27.3.2009, p. 19.
[4] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123.

(2) Wara l-Anness II għandu jiddaħħal l-Anness IIa, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"*ANNESS II*a

Rapport imsemmi fl-Artikolu 27(4)

PARTI 1

Tagħrif fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Marzu 20… li jinkludi kemm il-bejgħ bil-kunsinna kif ukoll il-bejgħ dirett

(1) L-għadd ta' produtturi li jaqbżu l-kwota disponibbli tagħhom qabel ir-riallokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) L-ammont ta' għotjiet eċċessivi u ta' bejgħ dirett minn produtturi inklużi fil-punt (1) (kg) qabel ir-riallokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) L-għadd ta' produtturi li jkunu użaw inqas mill-kwota disponibbli tagħhom.

(4) L-ammont tal-kwota mhux użata mill-produtturi inklużi fil-punt (3) (kg).

(5) L-għadd totali ta' produtturi meħtieġa biex jikkontribwixxu għal ħlas ta' imposta għaż-żejjed wara r-riallokazzjoni tal-kwota mhux użata skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

PARTI 2

A. INKLUDI BEJGĦ BIL-KUNSINNA + BEJGĦ DIRETT

Perjodu	Għadd totali ta' prodotturi meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-imposta	Għadd ta' produtturi li fir-rigward tagħhom l-imposta dovuta tħallset lill-awtorità kompetenti	Għadd ta' produtturi li fir-rigward tagħhom l-imposta dovuta ma tħallsitx lill-awtorità kompetenti	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) fejn l-imposta dovuta qed titfittex bi proċess amministrattiv	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) fejn l-imposta dovuta qed titfittex bi proċess legali	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) li fir-rigward tagħhom l-imposta li għandha titħallas hija soġġetta għal kontestazzjoni permezz ta' proċess legali	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) li fir-rigward tagħhom l-imposta tqieset impossibbli li tinġabar	Oħrajn (żid kumment)
(a)	(b)	(ċ)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)
2003/2004								
2004/2005								
2005/2006								
2006/2007								
2007/2008								
2008/2009								
2009/2010								
2010/2011								
2011/2012								
2012/2013								
2013/2014								
2014/2015								

NB: Il-kolonni minn (e) sa (i) huma subtotali tal-kolonna (d).

B. INKLUDI BEJGĦ BIL-KUNSINNA + BEJGĦ DIRETT

Perjodu	Ammont totali tal-imposta dovuta għall-perjodu	Ammont tal-imposta mħallsa lill-awtorità kompetenti	Ammont tal-imposta dovuta li għadha ma tħallsitx lill-awtorità kompetenti	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li qed titfittex bi proċess amministrattiv	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li qed titfittex bi proċess legali	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li hija soġġetta li tiġi soġġetta għal kontestazzjoni permezz ta' proċess legali	Ammont ta' imposta inkluża f'(d) li hi meqjusa impossibbli li tinġabar	Oħrajn (żid kumment)
(a)	(b)	(ċ)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)
2003/2004								
2004/2005								
2005/2006								
2006/2007								
2007/2008								
2008/2009								
2009/2010								
2010/2011								
2011/2012								
2012/2013								
2013/2014								
2014/2015								

NB: Il-kolonni minn (e) sa (i) huma subtotali tal-kolonna (d)."

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 794/2009

tal-31 ta' Awwissu 2009

li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 750/2009 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 213, 18.8.2009, p. 3.

ANNESS

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-1 ta' Settembru 2009

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 (1)	38,76	0,00
1701 11 90 (1)	38,76	3,28
1701 12 10 (1)	38,76	0,00
1701 12 90 (1)	38,76	2,98
1701 91 00 (2)	38,65	5,91
1701 99 10 (2)	38,65	2,74
1701 99 90 (2)	38,65	2,74
1702 90 95 (3)	0,39	0,29

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 795/2009

tal-31 ta' Awwissu 2009

li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Settembru 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2009, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Settembru 2009, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

ANNESS I

Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mill-1 ta' Settembru 2009

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju tal-importazzjoni (1) (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebes ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	16,03
1001 90 91	QAMĦ għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ	0,00
1002 00 00	SEGALA	84,38
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu	36,77
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (2)	36,77
1007 00 90	SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ	89,37

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNESS II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

17.8.2009-28.8.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ [1]	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja [2]	Qamħ iebes kwalità baxxa [3]	Xgħir
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	152,52	88,59	—	—	—	—
Prezz *FOB* USA	—	—	153,48	143,48	123,48	55,13
Tariffa fuq il-Golf	—	19,12	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	6,18	—	—	—	—	—

([1]) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([2]) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
([3]) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam	17,54 EUR/t
Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam:	17,52 EUR/t

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2009/115/KE

tal-31 ta' Awwissu 2009

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tal-methomyl bħala sustanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ([2]) u (KE) Nru 703/2001 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-methomyl. Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/628/KE ([4]) ġie deċiż li l-methomyl ma tkunx inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(2) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura mgħaġġla prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar proċedura regolari u mgħaġġla għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva iżda li ma ġiex inkluż fl-Anness I tagħha ([5]).

(3) L-applikazzjoni tressqet lir-Renju Unit, li kien maħtur bħala l-Istat Membru relatur bir-Regolament (KE) Nru 451/2000. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura mgħaġġla ġie rispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-utenti sostnuti huma l-istess kif kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2007/628/KE. L-applikazzjoni tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti proċedurali u sostantivi li fadal tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(4) Ir-Renju Unit evalwa l-informazzjoni l-ġdida u d-dejta mressqa min-notifikant u ħejja rapport addizzjonali fil-15 ta' Mejju 2008.

(5) Ir-rapport addizzjonali ġie rivedut f'kollaborazzjoni mill-Istati Membri u mill-EFSA u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2008 fil-format tar-Rapport Xjentifiku EFSA għall-methomyl ([6]). Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fit-12 ta' Ġunju 2009 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-methomyl.

(6) Il-valutazzjoni ġdida mir-relatur tal-Istati Membri u l-konklużjoni l-ġdida mill-EFSA ikkonċentraw fuq it-tħassib li jwassal għan-noninklużjoni. Dawn kienu l-espożizzjoni inaċċettabbli tal-operatur, in-natura inkonklużiva tal-valutazzjoni tal-espożizzjoni għall-ħaddiema u l-persuni mill-viċin u r-riskju għoli għall-għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi, naħal u antropodi oħra mhux immirati.

(7) Tressqet informazzjoni u dejta ġdida min-notifikat fid-dossier il-ġdid u saret valutazzjoni ġdida, kif inkluż fir-rapport addizzjonali u fir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA għall-methomyl. B'konsegwenza ta' dan, ġie muri li jistgħu jinkisbu livelli aċċettabbli tal-espożizzjoni tal-operatur, jekk jintlibes tagħmir protettiv, minbarra dak imsemmi fid-dossier oriġinali. Fir-rigward tar-riskju tal-ħaddiema u l-persuni mill-viċin, ġie ċċarat li l-ebda riskju inaċċettabbli mhu mistenni mill-utenti kif sostnut mid-dossier li tressaq mill-ġdid. Fl-aħħarnett, ir-riskju għall-għasafar, l-organiżmi akkwatiċi, in-naħal u l-antropodi li mhumiex immirati jistgħu jitqiesu bħala aċċettabbli, dejjem jekk tiġi sostnuta l-inqas rata ta' applikazzjoni u li jiġu implimentati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
([3]) ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.
([4]) ĠU L 255, 29.9.2007, p. 40.
([5]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
([6]) *Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2008) 222 – Konklużjoni dwar ir-reviżjoni inter pares tal-valutazzjoni dwar ir-riskju marbut mal-pestiċidi tas-sustanza attiva methomyl (maħruġ mill-ġdid fid-19 ta' Diċembru 2008).*

(8) Għaldaqstant, id-dejta u l-informazzjoni addizzjonali pprovduti min-notifikant jippermettu li jiġu eliminati l-punti speċifiċi ta' tħassib li wasslu għan-noninklużjoni. Ebda mistoqsija xjentifika miftuħa oħra ma tfaċċat.

(9) Deher mill-bosta eżamijiet li saru li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-methomyl jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u rrappurtati fid-detall fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-methomyl tiġi inkluża fl-Anness I, biex jiġi assigurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(10) Madankollu, biex jiġi eskluż kwalunkwe riskju ta' avvelenament intenzjonat jew mhux intenzjonat, huwa xieraq li jkunu meħtieġa aġenti kimiċi li jbiegħdu l-insetti u/jew aġenti emitiċi biex jiġu inkorporati fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-methomyl u li jiġi awtorizzat użu mill-professjonisti biss.

(11) Għalhekk huwa xieraq li tiġi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jeħtieġ biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2009.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Dan li ġej għandu jiġi inkluż fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
	"Methomyl Nru CAS: 16752-77-50 Nru CIPAC: 264	S-methyl (EZ)-N-(methylcarbamoyloxy) thioacetimidate	≥ 980 g/kg	fl-1 ta' Settembru 2009.	fil-31 ta' Awwissu 2019.	PARTI A L-użu ta' insettiċida fuq il-ħaxix biss jista' jiġi awtorizzat f'rati li ma jaqbżux 0,25 kg tas-sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni u għal massimu ta' 2 applikazzjonijiet għal kull staġun. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, l-konklużjonijiet tar-rapport ta' valutazzjoni dwar il-methomyl, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Ġunju 2009 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — is-sigurtà tal-operatur: kondizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-espożizzjoni tal-operaturi li jużaw apparat ta' applikazzjoni li jinġarr fuq id-dahar jew li jinżamm fl-idejn; — il-protezzjoni tal-għasafar; — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi: il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq, bħal żoni ta' lqugħ u t-tnaqqis tal-flussi ta' tifwir u żennuni li jnaqqsu t-tixrid tas-sustanzi sprejjati; — il-protezzjoni ta' antropodi li ma jinsabux fil-mira b'mod partikolari n-naħal:miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jevitaw il-kuntatt man-naħal għandhom japplikaw. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li formulazzjonijiet ibbażati mill-methomyl ikun fihom aġenti kimiċi li jbiegħdu l-insetti u/jew aġenti emitiċi effettivi. Il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu aktar miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq."

[1] Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma pprovduti fir-rapport ta' reviżjoni.

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Frar 2009

dwar l-iskema ta' għajnuna C 2/08 (dik li qabel kienet Nru 572/07) dwar l-emenda tas-sistema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ marittimu li l-Irlanda qed tippjana li timplimenta

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 688)

(It-test bl-Ingliż biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/626/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ([1]),

Billi:

1. **PROĊEDURA**

(1) Permezz tal-ittri elettroniċi tat-3 ta' Ottubru 2007 u tad-19 ta' Novembru 2007, l-awtoritajiet Irlandiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar emenda tal-iskema eżistenti tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ bin-Nru 504/2002, li inizjalment kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2002 ([2]).

(2) Permezz tal-ittra datata s-16 ta' Jannar 2008 ([3]), il-Kummissjoni għarrfet lill-Irlanda li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-emenda tal-iskema.

([1]) ĠU C 117, 14.5.2008, p. 32.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru C(2002) 4371 finali.

([3]) SG(2008)D/200091.

(3) Id-Deċiżjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) fl-14 ta' Mejju 2008. L-Irlanda ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha fid-29 ta' Frar 2008. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kummenti mill-partijiet interessati.

2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA**

2.1. **Id-dispożizzjonijiet essenzjali tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ imdaħħla fl-2002**

(4) It-taxxa Irlandiża fuq it-tunnellaġġ, introdotta fl-2002, hija "skema ta' taxxa applikabbli għall-kumpaniji tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar li jaħdmu fit-trasport marittimu. Il-kumpaniji li jikkwalifikaw jistgħu jagħżlu li l-attivitajiet tagħhom tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar ikunu ntaxxati abbażi tat-tunnellaġġ nett tal-flotta tagħhom, minflok abbażi tal-qligħ attwali tagħhom. Il-kumpaniji li jikkwalifikaw jeħtieġ li jagħżlu l-kundizzjoni fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni. Il-kumpaniji li jkunu għażlu t-taxxa fuq it-tunnellaġġ jeħtieġ li jibqgħu soġġetti għal din il-kundizzjoni għal perjodu ta' 10 snin (il-perjodu tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ).

Jekk diversi kumpaniji Irlandiżi li jikkwalifikaw ikunu membri tal-istess grupp ta' kumpaniji, kollha kemm huma jeħtieġ li jagħżlu s-sistema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ. Attivitajiet tan-negozju li huma differenti minn dawk soġġetti għat-taxxa fuq it-tunnellaġġ se jkunu ntaxxati abbażi tad-dispożizzjonijiet normali tat-tassazzjoni tal-kumpaniji.

([4]) ĠU C 117, 14.5.2008, p. 32.

Skont l-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ […], għall-kumpaniji marittimi li jikkwalifikaw l-ammont ta' taxxa huwa stabbilit abbażi tat-tunnellaġġ nett tal-flotta tagħhom li tikkwalifika. Għal kull bastiment soġġett għat-taxxa fuq it-tunnellaġġ, il-profitti taxxabbli li huma relatati mal-attivitajiet li jikkwalifikaw għandhom ikunu fissi f'somma mħallsa f'daqqa kkalkulata b'referenza għat-tunnellaġġ nett tiegħu kif ġej, għal kull 100 tunnellata netta (NT) u għal kull perjodu ta' 24 siegħa mibdi, irrispettivament minn jekk il-bastiment ikunx qed jaħdem jew le:

Sa, u inkluż, 1 000 tunnellata netta	EUR 1,00 għal kull 100 tunnellata netta
Bejn 1 001 u 10 000 tunnellata netta	EUR 0,75 għal kull 100 tunnellata netta
Bejn 10 001 u 25 000 tunnellata netta	EUR 0,50 għal kull 100 tunnellata netta
Iktar minn 25 000 tunnellata netta	EUR 0,25 għal kull 100 tunnellata netta

It-taxxa Irlandiża standard tal-kumpaniji ta' 12,5 % mbagħad tiġi applikata għall-profitti ddeterminati b'dak il-mod." ([5])

2.2. Il-limitazzjoni fuq bastimenti mikrija għal perjodu ta' żmien speċifiku ("time charter") skont l-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ imdaħħla fl-2002

(5) "Prerekwiżit għall-eliġibbiltà għall-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ [tal-2002] huwa li l-proporzjon ta' bastimenti li jikkwalifikaw li huma proprjetà tal-kumpanija nnifisha, ikkalkulat fuq it-tunnellaġġ tagħhom, ma jkunx inqas minn 25 % tat-tunnellaġġ tal-bastimenti kollha tagħha li jikkwalifikaw. Tabilħaqq jeħtieġ li, biex kumpanija tiddaħħal u tibqa' fi ħdan it-taxxa fuq it-tunellaġġ, ma tridx tkun kriet bastimenti bl-ekwipaġġ b'kollox ('chartered in') [anke dawk mikrijin għal perjodu ta' żmien speċifiku] li jkunu ta' iktar minn 75 % tat-tunnellaġġ nett tal-bastimenti li jikkwalifikaw u li tkun tħaddem Fil-każ ta' grupp, il-limitu huwa ta' 75 % tat-tunnellaġġ nett f'daqqa tal-bastimenti kollha li jikkwalifikaw u li huma mħaddma mill-membri kollha tal-grupp li huma kumpaniji li jikkwalifikaw. Li tikri bastiment bl-ekwipaġġ b'kollox ifisser li tikrih b'ekwipaġġ ipprovdut minn sid il-kera, b'kuntrast mad-definizzjoni tal-kera tal-bastiment biss ('bareboat charter') fejn il-kerrej jeħtieġlu jekwipaġġa l-bastiment huwa stess." ([6])

2.3. L-emendi notifikati

2.3.1. *It-tneħħija tal-limitazzjoni fuq il-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku*

(6) L-awtoritajiet Irlandiżi issa biħsiebhom ineħħu l-limitazzjoni fuq il-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku. Għalhekk, skont in-notifika, kumpanija jew grupp ta' kumpaniji tista'/jista' tibbenefika/jibbenefika mill-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ mingħajr ma tkun/jkun proprjetarja(u) ta' bastiment wieħed. Skont l-awtoritajiet Irlandiżi, it-tneħħija ta' dak il-limitu hija meħtieġa għal diversi raġunijiet:

(a) biex ikunu inklużi fl-iskema l-kumpaniji tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar ibbażati fl-Irlanda li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifikazzjoni attwali l-oħra kollha imma li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mis-sistema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ minħabba eċċess ta' attività tal-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku;

(b) biex titħalla flessibbiltà addizjonali għall-kumpaniji li jibbenefikaw mit-taxxa Irlandiża fuq it-tunnellaġġ (minn issa' l quddiem imsejħa "kumpaniji tat-taxxa Irlandiża fuq it-tunnellaġġ") u li jaħdmu f'attivitajiet tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ biex jieħdu vantaġġ mill-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr ma jiksru l-kundizzjonijiet tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ;

(c) biex ikun hemm kundizzjonijiet li jkunu ekwivalenti għal dawk ta' Stati Membri oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet relatati mal-flotta mikrija għal perjodu ta' żmien speċifiku;

(d) biex jiżdied it-tkabbir tal-attività tal-ġestjoni tal-bastimenti fuq l-art;

(e) biex jiġi evitat li kumpaniji tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ iċedu attivitajiet tan-negozju għal kumpaniji li ma għandhomx taxxa fuq it-tunnellaġġ u fl-aħħar mill-aħħar għal operaturi tal-bastimenti minn pajjiżi terzi jew li kumpaniji jitneħħew mill-kundizzjoni tat-taxxa Irlandiża fuq it-tunnellaġġ minħabba li jkunu jaqbżu l-limitu.

2.3.2. *Tul ta' żmien*

(7) L-emenda notifikata għal-leġiżlazzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ se tkun applikabbli biss wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, imma hija b'effett minn meta l-emenda tidher fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'Jannar 2006.

(8) L-emenda ma tbiddilx it-tul ta' żmien tal-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ: il-kundizzjoni attwali tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ hija limitata għal tul ta' żmien ta' 10 snin li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012. Inġenerali, il-"kumpaniji li jikkwalifikaw" se jkollhom biss 36 xahar li fih jagħżlu li jidħlu fil-kundizzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ minn meta jsiru kumpaniji li jikkwalifikaw, jiġifieri li jkunu kumpaniji li għandhom iħallsu t-taxxa Irlandiża tal-kumpaniji, li jħaddmu "bastimenti li jikkwalifikaw" u li jkomplu l-ġestjoni strateġika u kummerċjali tal-bastimenti li jikkwalifikaw fl-Irlanda.

2.3.3. *Il-benefiċjarji*

(9) L-emenda se tapplika għall-kumpaniji kollha li bħalissa jinsabu fil-pożizzjoni li jibbenefikaw mill-kundizzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ u għal dawk il-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji li jikkwalifikaw:

(a) li għandhom iħallsu t-taxxa Irlandiża tal-kumpaniji;

(b) li l-profitti tagħhom huma ġejjin mill-bastimenti li jikkwalifikaw li jagħmlu "attivitajiet li jikkwalifikaw" u li jagħżlu l-kundizzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ; u

(c) li jagħmlu l-ġestjoni strateġika u kummerċjali tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar li jikkwalifika mit-territorju tal-Irlanda.

([5]) Il-punti 3 sa 6 tad-Deċiżjoni C(2002) 4371 finali.

([6]) Il-punt 26 tad-Deċiżjoni C(2002) 4371 finali.

2.3.4. *Baġit*

(10) L-awtoritajiet Irlandiżi jipproġettaw li l-ispiża tal-ewwel sena tat-tneħħija tal-limitazzjoni tal-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku, applikata mill-1 ta' Jannar 2006, se tkun ta' madwar EUR 5.88 miljun fid-dawl tat-titjib fis-suq li seħħ fl-imgħoddi. Huwa antiċipat li l-ispiża fiż-żmien medju (mill-2007 sal-2009) se tonqos hekk kif il-qligħ jonqos għal livelli tas-suq li huma iktar tipiċi, bejn wieħed u ieħor għal EUR 1.38 miljun.

2.4. **Raġunijiet biex tinbeda l-proċedura formali ta' investigazzjoni**

(11) Fid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha li l-emendi nnotifikati mill-awtoritajiet Irlandiżi jistgħu jkunu kontra l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu (7) (minn issa' l quddiem imsejħin il-Linji Gwida). B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' tneħħija unilaterali mill-Irlanda ta' għadd massimu ta' bastimenti mikrija għal perjodu ta' żmien speċifiku permissibbli skont l-iskema tagħha tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ. Il-Kummissjoni nnutat li t-tneħħija kompleta ta' dawn it-tipi ta' limiti tal-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku tista' toħloq kompetizzjoni fiskali bejn skemi tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ li jkunu iktar jew inqas attraenti madwar il-Komunità. Fid-dawl tar-rikonoxximent mogħti fil-Linji Gwida għall-fatt li din il-kompetizzjoni fiskali jeħtiġilha tiġi kkunsidrata (8), l-emendi proposti mill-awtoritajiet Irlandiżi biex il-limitu tal-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku jitneħħa kompletament jistgħu jkunu kontra l-"interess komuni" espress fl-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat li fuqu hija bbażata l-approvazzjoni tat-taxxi fuq it-tunnellaġġ.

(12) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet ukoll id-dubji tagħha dwar ir-retroattività potenzjali tal-miżura ppjanata. Dan jista' jseħħ jekk l-għajnuna skont l-emenda notifikata tingħata sa mill-1 ta' Jannar 2006.

2.5. **Kummenti mill-Irlanda**

(13) Permezz tal-ittra tad-29 ta' Frar 2008, l-Irlanda stabbiliet il-punti li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet tas-suq li minħabba fihom l-Irlanda qed tfittex li tneħħi l-limitazzjoni tal-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku ma jaffetwawx biss lis-sidien tal-bastimenti Irlandiżi, imma wkoll lis-sidien tal-bastimenti Komunitarji u ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, id-domanda globali għall-merkanzija fi kwantitajiet kbar żdiedet b'mod drastiku sa mill-2002 l'hawn;

(b) il-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku tipprovdi lis-sidien tal-bastimenti li qed ifittxu li jieħdu kuntratti kbar ma' kumpaniji kbar tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni b'iktar flessibbiltà;

(c) kien hemm evoluzzjoni simili fi Stati Membri oħrajn (pereżempju fid-Danimarka).

3. **VALUTAZZJONI**

3.1. **Preżenza tal-għajnuna**

(14) F'dak li għandu x'jaqsam mal-preżenza tal-għajnuna, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-emenda notifikata ma tbiddilx il-kwalifika tal-iskema Irlandiża tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ bħala għajnuna mill-Istat kif approvat fl-2002 bid-Deċiżjoni Nru 504/02 (9).

(15) Anke wara t-tneħħija tal-limitazzjoni fuq il-kera għal perjodu ta' żmien speċifiku, l-awtoritajiet Irlandiżi xorta waħda se jibqgħu jagħtu vantaġġ permezz tar-riżorsi tal-Istat, u għalhekk se jibqgħu jiffavorixxu ċertu impriżi minħabba li l-miżura hija speċifika għas-settur tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar. Dan il-vantaġġ jhedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni u jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. minħabba li t-tali attivitajiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar jitwettqu essenzjalment b'kundizzjonijiet ugwali fuq il-livell internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-emenda notifikata tal-iskema Irlandiża tat-taxxa tal-2002 fuq it-tunnellaġġ ma tbiddilx il-kwalifika tagħha bħala għajnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

3.2. **Il-bażi legali għall-valutazzjoni**

(16) Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura notifikata hija l-Linji Gwida.

3.3. **Kompatibbiltà tal-miżura**

(17) Il-Linji Gwida jipprovdu li: "L-għan tal-għajnuna mill-Istat fi ħdan il-politika komuni għat-trasport marittimu huwa li tippromovi l-kompetittività tal-flotot Komunitarji fis-suq globali tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar. Konsegwentement, l-iskema tal-ħelsien mit-taxxa, bħala regola jeħtiġilha rabta mal-bandiera Komunitarja. Madankollu, jistgħu wkoll, eċċezzjonalment, ikunu approvati skemi meta dawn ikunu japplikaw għall-flotta sħiħa li tkun mħaddma minn sid il-bastimenti stabbilit fi ħdan territorju ta' Stat Membru responsabbli għat-taxxa tal-kumpaniji, dejjem jekk jintwera li l-ġestjoni strateġika u kummerċjali tal-bastimenti kollha kkonċernati ssir verament fit-territorju u li din l-attività tikkontribwixxi sostanzjalment għall-attività ekonomika u għall-impjieg fi ħdan il-Komunità". (10)

(7) ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.

(8) Il-punt 3.1 tal-Linji Gwida: It-trattament fiskali tal-kumpaniji li huma s-sidien tal-bastimenti.

(9) Ara n-nota 2 ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Is-seba' sottoparagrafu tal-punt 3.1, tal-Linji Gwida.

(18) Il-Linji Gwida ma jsemmu l-ebda limitazzjoni għall-inklużjoni tal-bastimenti mikrijin għal perjodu ta' żmien speċifiku skont l-iskemi tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ. Fid-deċiżjonijiet għall-imgħoddi, il-Kummissjoni awtorizzat skemi li jkopru kumpaniji bi proporzjon bejn it-tunnellaġġ tal-bastimenti li jkunu tal-kumpanija stess (jew bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox b'kundizzjonijiet ta' kera tal-bastimenti biss) u t-tunnellaġġ tal-bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox fuq bażi tal-ħin jew tal-vjaġġi sa 3:1 ([11]), 4:1 ([12]) jew 10:1 ([13]).

(19) Dak il-proporzjon kien intenzjonat biex jevita sitwazzjonijiet fejn il-kumpaniji tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ eventwalment isiru sensara marittimi puri, mingħajr ebda responsabbiltà għall-ġestjoni tal-ekwipaġġ u għall-ġestjoni teknika tal-bastimenti li jħaddmu. Li kieku l-kumpaniji tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ kellhom jaħdmu biss b'bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox fuq bażi tal-ħin jew tal-vjaġġi, jitilfu l-għarfien tagħhom f'termini tal-ġestjoni tal-ekwipaġġ u tal-ġestjoni teknika tal-bastimenti, għall-kuntrarju ta' wieħed mill-għanijiet stabbiliti fir-raba' inċiż tal-ewwel sottoparagrafu tat-taqsima 2.2 tal-Linju ta' Gwida, jiġifieri "ż-żamma u t-titjib tal-għarfien marittimu".

(20) Huwa ġust ukoll li jingħad li l-proporzjon fittex ukoll li jwettaq għan ieħor tal-Linji Gwida, billi għamilha iktar faċli għall-awtoritajiet nazzjonali li jikkontrollaw li l-attivitajiet li jsiru fuq l-art u li huma relatati mal-bastimenti tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ jinżammu fi ħdan il-Komunità/iż-ŻEE. Fil-fatt x'aktarx li s-sidien tal-bastimenti tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ jipprovdu l-ġestjoni tal-ekwipaġġ huma stess f'każijiet fejn huma jkunu s-sidien tal-bastimenti jew fejn huma jkunu jikruhom b'kundizzjonijiet ta' kera tal-bastimenti biss. Meta dawn iż-żewġ attivitajiet ikunu pprovduti internament, allura jkun iktar faċli għall-awtoritajiet fiskali li jiċċekkjaw li l-attivitajiet fuq l-art relatati ma' dawk il-bastimenti jkunu jsiru fi ħdan il-Komunità/iż-ŻEE. Hawnhekk, l-għan li qed jitfittex li jintlaħaq huwa li jingħata kontribut "għall-konsolidazzjoni tal-għaqda marittima stabbilita fl-Istati Membri" f'konformità mat-tielet inċiż tal-ewwel sottoparagrafu tat-taqsima 2.2 tal-Linji Gwida.

(21) Madankollu, it-tneħħija sħiħa tal-limitazzjoni tippermetti lill-impriżi b'bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox fuq bażi tal-ħin jew tal-vjaġġi biss biex jibbenefikaw mill-kundizzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni taħseb li l-emenda notifikata mhijiex konformi mal-għanijiet imsemmija fil-premessi 19 u 20 t'hawn fuq. Il-Kummissjoni tikkunsidra li għandu jinżamm proporzjon minimu ta' mill-inqas 10:1 bejn il-bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox u l-bastimenti li jkunu tal-kumpanija stess.

(22) Jekk ma jintlaħqux l-għanijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox għandhom jikkontribwixxu għal għan ieħor tal-Linji Gwida, jiġifieri għat-tkeġġiġ tal-kitba jew tal-kitba mill-ġdid tal-bastimenti fir-reġistri tal-Istati Membri b'konformità mat-tieni inċiż tal-ewwel sottoparagrafu tat-taqsima 2.2 tal-Linji Gwida. Konsegwentement, anke jekk il-ġestjoni tal-ekwipaġġ u l-ġestjoni teknika tal-bastimenti ma jsirux it-tnejn fit-territorju tal-Komunità/taż-ŻEE, il-Kummissjoni tista' taċċetta li l-interess komuni huwa mħares jekk il-bastiment ikkonċernat ikollu bandiera tal-Komunità/taż-ŻEE.

(23) Bħala konsegwenza t'hekk, il-Kummissjoni taħseb li l-għanijiet ta' hawn fuq se jiġu ssodisfati jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk il-bastiment mikri bl-ekwipaġġ b'kollox ikun irreġistrat f'reġistru marittimu Komunitarju jew taż-ŻEE; jew

(b) jekk il-ġestjoni tal-ekwipaġġ tiegħu u l-ġestjoni teknika tiegħu jsiru fit-territorju tal-Komunità jew taż-ŻEE.

(24) Jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, jintlaħqu l-għanijiet tal-Linji Gwida msemmijin hawn fuq.

(25) Skont il-każistika reċenti ([14]), l-emenda notifikata tista' tiġi awtorizzata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 (id-data tan-notifika) sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni retroattiva tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emenda notifikata għall-iskema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ N 504/02, inizjalment approvata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2002, hija kompatibbli mas-suq komuni li huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

Tista' tiġi applikata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 2

Għandu jkun hemm proporzjon minimu ta' 10:1 bejn il-bastimenti mikrija bl-ekwipaġġ b'kollox u l-bastimenti tal-kumpanija stess imħaddma minn kull kumpanija tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ.

([11]) Ara perżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 20/03, disponibbli fl-indirizz tal-internet li ġej: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2003:145:0004:0047:EN:PDF u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 572/02, disponibbli bil-lingwa uffiċjali fl-indirizz tal-internet li ġej: http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/transports-2002/n572-02.pdf

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2002 (għajnuna mill-Istat Nru 563/01), disponibbli bil-lingwa uffiċjali fl-indirizz tal-internet li ġej: http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/transports-2001/n563-01.pdf

([13]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 58/08, li għadha ma ġietx ippubblikata.

([14]) Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża C-384/07 *Wienstrom GmbH vs. Bundesminister für Wirtschaft und Arbeit*, li għadu ma ġiex irrapurtat, u b'mod partikolari l-paragrafu 26: "Meta proġett jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni b'mod regolari u ma jkunx daħal fis-seħħ qabel din id-deċiżjoni, dan jista' jiġi implementat mid-data ta' din id-deċiżjoni, inkluż, jekk ikun il-każ, għal perijodu preċedenti kopert mill-miżura ddikjarata bħala kompatibbli."

Kull wieħed mill-bastimenti mikri bl-ekwipaġġ b'kollox li jitħaddem minn kumpanija partikulari tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ għandu jissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bastiment mikri bl-ekwipaġġ b'kollox irid ikun reġistrat f'reġistru marittimu Komunitarju jew taż-ŻEE;

(b) il-ġestjoni tal-ekwipaġġ u l-ġestjoni teknika tal-bastiment mikri bl-ekwipaġġ b'kollox iridu jkunu jsiru fit-territorju tal-Komunità jew taż-ŻEE.

Artikolu 3

Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Irlanda għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex tikkonforma magħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmula fi Brussell, il-25 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President

ORJENTAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-31 ta' Lulju 2009

dwar l-istatistika finanzjarja tal-gvern

(abbozzata mill-ġdid)

(BĊE/2009/20)

(2009/627/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ), b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3,

Wara li ġie kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' l-iżbilanċ eċċessiv mehmuż mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([1]),

Wara li ġie kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([2]),

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistiċi finanzjarji tal-gvern ([3]) ġiet emendata diversi drabi. Billi issa hemm bżonn ta' iktar emendi għal din il-Linja Gwida, għandha tiġi abbozzata mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza u t-trasparenza.

([1]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

([2]) ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

([3]) ĠU L 109, 29.4.2005, p. 81.

(2) Biex twettaq ħidmietha, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) għandha bżonn ta' statistika finanzjarja tal-gvern (GFS) komprensiva, jiġifieri li tkopri t-tranżazzjonijiet kollha inklużi dawk fejn il-gvern ġenerali jaġixxi bħala aġent għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u affidabbli għall-analiżi ekonomika u monetarja.

(3) Il-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja Gwida ma jaffettwawx ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi fil-livell tal-Istati Membri u tal-Komunità.

(4) Hemm bżonn li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti għall-iskambju ta' statistika finanzjarja tal-gvern (GFS) fi ħdan is-SEBĊ, sabiex jiġi żgurat li s-SEBĊ jkollha GFS fil-ħin li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħha u li jkun hemm il-kompatibilità bejniethom u t-tbassir tal-istess varjabbli mħejjija mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), irrispettivament minn jekk l-istatistika hijiex ikkompilata mill-BĊNi jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(5) Parti mill-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet statistiċi tas-SEBĊ fil-qasam tal-GFS tiġi kkompilata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mhux mill-BĊNi. Għaldaqstant, uħud mill-ħidmiet li għandhom isiru skont din il-Linja Gwida jeħtieġu kooperazzjoni bejn is-SEBĊ u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([4]), jobbliga lill-Istati Membri biex jorganizzaw rwieħhom fil-qasam ta' l-istatistika, u biex jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiżguraw is-sodisfazzjon ta' l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

([4]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

(6) Is-sorsi statistiċi bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 u s-Sistema Ewropea ta' Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali (iktar 'il quddiem l-"ESA 95" [1]) ma jissodisfawx il-bżonnijiet tal-SEBĊ fir-rigward tal-kopertura u fil-ħin tal-istatistika tal-aġġustament tad-dejn tal-gvern u tad-deficit-dejn u statistika fuq tranżazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-baġit tal-UE. Għalhekk hemm bżonn ta' iktar kumpilazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(7) Hemm bżonn li tiġi stabbilita proċedura li biha jkunu jistgħu jsiru l-emendi tekniċi għall-annessi ma' din il-Linja Gwida b'mod effettiv, sakemm emendi bħal dawn la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażi u lanqas jaffettwaw il-piż ta' rappurtar,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din il-Linja Gwida:

(1) "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-euro;

(2) "Stat Membru mhux parteċipanti" tfisser Stat Membru li m'adottax l-euro;

Artikolu 2

Obbligi ta' rappurtar statistiku tal-BĊNi

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw il-GFS lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), kif speċifikat fl-Anness I, kull sena kalendarja. Id-*data* għandha tikkonforma mal-prinċipji u mad-definizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 u tal-ESA 95, kif deskritti aktar fid-dettall fl-Anness II.

2. Is-sett tad-*data* komplet għandu jinkludi l-kategoriji kollha indikati bħala li huma jew ewlenin jew sekondarji fl-Anness I taħt l-istatistika tad-dħul u l-infiq fl-Anness I taħt l-istatistika tad-dħul u l-infiq, statistika ta' aġġustament tad-deficit-dejn u statistika tad-dejn. Settijiet ta' *data* parzjali jinkludu għallinqas il-kategoriji ewlenin taħt statistika dwar id-dħul u l-infiq, statistika ta' aġġustament dwar id-deficit-dejn, jew statistika dwar id-dejn.

3. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw skont id-definizzjonijiet metodoloġiċi stabbiliti għas-setturi u s-subsetturi fit-Taqsima 1 tal-Anness II ta' din il-Linja Gwida u għal dan li ġej fit-Taqsima 2 tagħha:

(a) "statistika ta' dħul u infiq" li tinkludi l-istatistika li tinsab fit-Tabelli 1A, 1B u 1Ċ tal-Anness I;

(b) "statistika ta' aġġustament deficit-dejn" li tinkludi l-istatistika li tinsab fit-Tabelli 2A u 2B tal-Anness I;

(c) "statistika tad-dejn" li tinkludi l-istatistika li tinsab fit-Tabelli 3A u 3B tal-Anness I.

4. Id-*data* għandha tkopri l-perjodu minn 1995 sas-sena li magħha għandha x'taqsam it-trażmissjoni (sena t-1).

5. Id-*data* dwar deficit/bilanċ, dejn, dħul, infiq u l-prodott domestiku gross (PDG) nominali għandha tkun akkompanjata b'raġunijiet għal reviżjonijiet meta l-ammont ta' bidla għad-deficit/bilanċ ikkawżat mir-reviżjonijiet ikun għallinqas 0,3 % tal-PGD jew l-ammont ta' bidla għad-dejn, dħul, infiq jew PDG nominali kkawżat minn reviżjonijiet ikun għallinqas 0,5 % tal-PDG.

Artikolu 3

Obbligi ta' rappurtar statistiku tal-BĊE

1. Fuq il-bażi tad-*data* rrapportata mill-BĊNi, il-BĊE għandu jamministra l-"bażi ta" *data* tal-GFS', li tinkludi ż-żona tal-euro u aggregati tal-UE. Il-BĊE għandu jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS lill-BĊNi.

2. Il-BĊNi għandhom jimmarkaw l-informazzjoni statistika tagħhom billi jindikaw lil min din tista' tkun magħmula disponibbli. Il-BĊE għandu jqis dan l-immarkar meta jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS.

Artikolu 4

Rappurtar fil-ħin

1. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw settijiet kompluti ta' *data* darbtejn fis-sena, qabel il-15 ta' April u qabel il-15 ta' Ottubru.

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw fuq l-inizjattiva tagħhom stess settijiet parzjali ta' *data*, bejn iż-żewġ rapporti deskritti fil-paragrafu wieħed, meta jkun hemm informazzjoni ġdida disponibbli. Meta jiġi rrapportat sett parzjali ta' *data* li jkopri l-kategoriji ewlenin biss, il-BĊNi jistgħu jipprovdu wkoll stimi tal-kategoriji sekondarji.

3. Il-BĊE għandu jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS lill-BĊNi għallinqas darba fix-xahar, mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol ta' wara tal-BĊE wara li l-BĊE jiffinalizza d-data għall-pubblikazzjoni.

[1] Li jinsabu fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 2223/96.

Artikolu 5

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. Fejn is-sorsi ta' wħud jew tad-*data* u tal-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 2 huma awtoritajiet nazzjonali kompetenti li mhumiex il-BĊNi, il-BĊNi għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jistabbilixxu ma' dawk l-awtortitajiet, il-mezzi adattati ta' kooperazzjoni sabiex tiġi żgurata struttura permanenti ta' trażmissjoni ta' *data* sabiex jiġu sodisfatti l-istandards u l-ħtiġijiet tekniċi tas-SEBĊ, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġà ntlaħaq fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. Meta, waqt din il-kooperazzjoni, BĊN ma jkunx jista' jikkonforma mal-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4 minħabba li l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ipprovdiet lill-BĊN bl-informazzjoni meħtieġa, il-BĊE u l-BĊN għandhom jiddiskutu ma' dik l-awtorità kif din l-informazzjoni tista' ssir disponibbli.

Artikolu 6

Standards ta' trażmissjoni u ta' kodifikazzjoni

Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jużaw l-istandards speċifikati fl-Anness III sabiex jittrasmettu u jikkodifikaw id-*data* deskritta fl-Artikoli 2 u 3. Din il-ħtieġa ma timpedixxix l-użu ta' xi mezzi oħra ta' trażmissjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni ta' rikorrenza miftiehma.

Artikolu 7

Kwalità

1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jimmonitorjaw u jippromwovu l-kwalità tad-*data* rrapportata lill-BĊE.

2. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta ta' kull sena lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE fuq il-kwalità tal-GFS annwali.

3. Ir-rapport għandu jindirizza, għallinqas, il-kopertura tad-*data*, kemm tikkonforma mad-definizzjonijiet relevanti, u l-ammont ta' reviżjonijiet.

Artikolu 8

Proċedura ssimplifikata ta' emenda

Filwaqt li jqis l-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Istatistika, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat jagħmel emendi tekniċi għall-annessi ta' din il-Linja Gwida, sakemm emendi bħal dawn la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażi u lanqas ma jaffettwaw il-piż ta' rappurtar.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u revoka tal-Linja Gwida BĊE/2005/5

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-adozzjoni tagħha.

2. Il-Linja Gwida BĊE/2005/5 hija imħassra.

3. Ir-referenzi għal-Linja Gwida BĊE/2005/5 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din il-Linja Gwida.

Artikolu 10

Indirizzati

Din il-Linja Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNESS I

ĦTIĠIJIET TA' RAPPURTAR TA' DATA

Il-kategoriji ewlenin jidhru bil-grassett, filwaqt li l-kategoriji oħrajn huma sekondarji. Il-kategoriji jirreferu għas-settur tal-gvern ġenerali sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. "Dejn li għandu rata ta' imgħax varjabbli_" tfisser dejn f'dawk l-istrumenti finanzjarji li l-ħlasijiet b'kupuni mhumiex perċentwal predeterminat tal-kapital, iżda jiddependu fuq it-tielet rata ta' imgħax jew ta' redditu jew fuq indikatur ieħor.

Statistika tad-dħul u tal-infiq

Tabella 1A

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	1 = 2 – 5
Dħul totali	2 = 3 + 4
Dħul kurrenti totali	3 = 11
Dħul kapitali totali	4 = 33
Infiq totali	5 = 6 + 7
Infiq kurrenti totali	6 = 23
Infiq kapitali totali	7 = 35
Defiċit (–) jew bilanċ (+) primarju	8 = 9 + 10
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	9 = 1
Imgħax li jrid jitħallas	10 = 28
Dħul kurrenti totali	11 = 12 + 15 + 17 + 20 + 22
Taxxi diretti	12
li għandhom jitħallsu minn korporazzjonijiet	13
li għandhom jitħallsu minn djar	14
Taxxi indiretti	15
li minnhom taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	16
Kontribuzzjonijiet soċjali	17
li huma kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem	18
li huma kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati	19
Dħul kurrenti ieħor	20
li huwa imgħax li jrid jiġi rċevut	21
Bejgħ	22
Infiq kurrenti totali	23 = 24 + 28 + 29 + 31
Trasferimenti kurrenti	24 = 25 + 26 + 27
Ħlasijiet soċjali	25
Sussidji li jridu jitħallsu	26

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Trasferimenti kurrenti oħra li jridu jitħallsu	27
Imgħax li jrid jitħallas	28
Kumpens tal-impjegati	29
li huma pagi u salarji	30
Konsum intermedju	31
Tfaddil gross	32 = 11 – 23
Dħul kapitali totali	33
li huwa taxxi kapitali	34
Infiq kapitali totali	35 = 36 + 37 + 38
Investiment	36
Akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji	37
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu	38
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	39 = 1 = 40 + 41 + 42 + 43
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern ċentrali	40
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern statali	41
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern lokali	42
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-fondi tas-sigurtà soċjali	43
Partiti tal-memorandum	
Kontribuzzjonijiet soċjali attwali	44
Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus	45

Tabella 1B

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Ħlasijiet minn Stat Membru lill-bagit tal-Unjoni Ewropea	1 = 2 + 4 + 5 + 7
Taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit tal-UE	2
li huma VAT irċevuta mill-baġit tal-UE	3
Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti li trid titħallas mill-gvern lill-baġit tal-UE	4
Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE	5
li huma r-raba' riżorsa proprja tal-UE	6
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE	7
Infiq tal-UE fl-Istat Membru	8 = 9 + 10 + 11 + 12 + 13
Sussidji li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE	9
Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern	10

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lil unitajiet mhux governattivi	11
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern	12
Trasferimenti kapitali mħallsa mill-baġit tal-UE lil sezzjonijiet mhux governattivi	13
Dħul nett mill-baġit tal-UE (riċevitur nett +, kontributur nett -)	14 = 8 – 1
Partita tal-memorandum	
Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji	15

Tabella 1C

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Infiq fuq il-konsum finali	1 = 2 + 3 = 4 + 5 + 6 + 7 + 8 + 9 – 10
Infiq fuq il-konsum individwali	2
Infiq fuq il-konsum kollettiv	3
Kumpens tal-impjegati	4 = [1A.29] (1)
Konsum intermedju	5 = [1A.31]
Trasferimenti soċjali mhux fi flus fornuti permezz tal-produtturi tas-suq	6
Konsum ta' kapital fiss	7
Taxxi fuq il-produzzjoni mħallsa bis-sussidji rċevuti mnaqqsa	8
Bilanċ nett tat-tħaddim	9
Bejgħ	10 = [1A.22]
Partita tal-memorandum	
Infiq tal-konsum finali bi prezzijiet tas-sena ta' qabel	11
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	12 = [1A.1]
Imgħax li jrid jitħallas	13 = [1A.10]
Imgħax inkluż settlements taħt swaps u ftehim fuq ir-rata forward	14
Proċedura tad-defiċit eċċessiv defiċit (–) jew bilanċ (+)	15 = 12 + 13 – 14
Rikavat mis-sistema ta' telekomunikazzjonijiet mobbli universali	16
Dejn	17 = [Tabella 3A.1]
Prodott domestiku gross (PDG) bi prezzijiet kurrenti	18
PDG bi prezzijiet tas-sena ta' qabel	19
Investiment tal-Gvern bi prezzijiet tas-sena ta' qabel	20

(1) [x.y] tirreferi għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.

Statistika ta' aġġustament deficit-dejn

Tabella 2A

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	1 = [1A.1]
Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u dawk li m'humiex	2 = 1 – 3
Tranżazzjonijiet netti f'attiv u passiv finanzjarju	3 = 4 – 15
Tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji (konsolidati)	4 = 5 + 6 + 7 + 8 + 9 + 13
Tranżazzjonijiet f'valuta u f'depożiti	5
Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil	6
Tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji	7
Tranżazzjonijiet f'self	8
Tranżazzjonijiet f'ishma u ishma azzjonarji oħra	9
Privatizzazzjoni	10
Injezzjonijiet ta' ishma azzjonarji	11
Oħrajn	12
Tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji oħra	13
li minnhom taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti imma mhux imħallsin	14
Tranżazzjonijiet f'passiv (konsolidati)	15 = 16 + 17 + 18 + 19 + 20 + 22
Tranżazzjonijiet f'valuta u f'depożiti	16
Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir	17
Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien twil	18
Tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji	19
Tranżazzjonijiet f'self	20
li huma self mill-bank ċentrali	21
Tranżazzjonijiet f'passiv ieħor	22
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn (konsolidat) = ħtiega ta' self tal-gvern generali	23 = 16 + 17 + 18 + 20 23 = 25 + 26 + 27 23 = 2 – 1 + 4 – 19 – 22
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn għal żmien twil	24
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati fil-valuta nazzjonali	25
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'valuta barranija parteċipanti (1)	26
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'valuta barranija mhux parteċipanti	27

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Cirkolazzjonijiet oħra	28 = 29 + 32
Effetti tal-valutazzjoni fuq il-passiv	29 = 30 + 31
Qligħ u telf ta' holdings tal-kambju	30
Effetti oħra tal-valutazzjoni – valur nominali	31
Bidliet oħra fil-volum tal-passiv	32
Bidla fid-dejn	33 = 23 + 28 33 = 2 – 1 + 4 – 19 – 22 + 28

([1]) Li għandha tiġi rrapportata għas-snin ta' qabel ma l-Istat Membru sar Stat Membru parteċipanti.

Tabella 2B

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn – mhux konsolidati	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6
Tranżazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (passiv) – mhux konsolidati	2
Tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) – mhux konsolidati	3
Tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) – mhux konsolidati	4
Tranżazzjonijiet f'self minn bank ċentrali	5
Tranżazzjonijiet f'self ieħor (passiv) – mhux konsolidati	6
Tranżazzjonijiet konsolidattivi	7 = 8 + 9 + 10 + 11
Tranżazzjonijiet konsolidattivi – valuta u depożiti	8 = 2 – [2A.16]
Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir	9 = 3 – [2A.17]
Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien twil	10 = 4 – [2A.18]
Tranżazzjonijiet konsolidattivi – self	11 = 6 – ([2A.20] – [2A.21]).

Statistika fuq id-dejn

Tabella 3A

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Dejn	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6 =7 + 12 = 13 + 14 + 15 =16 + 17 = 19 + 20 + 22 =24 + 25 + 26 + 27
Dejn – valuta u depożiti (passiv)	2
Dejn – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv)	3
Dejn – titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv)	4
Dejn – self minn bank ċentrali (passiv)	5
Dejn – self ieħor (passiv)	6

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Dejn miżmum minn residenti tal-Istat Membru	7= 8 + 9 + 10 + 11
Dejn miżmum minn bank ċentrali	8
Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħrajn	9
Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	10
Dejn miżmum minn residenti oħra tal-Istat Membru	11
Dejn miżmum minn mhux residenti tal-Istat Membru	12
Dejn denominat f'valuta nazzjonali	13
Dejn denominat f'valuta barranija parteċipanti	14
Dejn denominat f'valuta barranija mhux parteċipanti	15
Dejn fuq perjodu ta' żmien qasir	16
Dejn fuq perjodu ta' żmien twil	17
li minnu rata ta' imgħax varjabbli	18
Dejn b'maturità reżidwa sa sena	19
Dejn b'maturità reżidwa ta' iktar minn sena u sa ħames snin	20
li minnu rata ta' imgħax varjabbli	21
Dejn b'maturità reżidwa ta' iktar minn ħames snin	22
li minnu rata ta' imgħax varjabbli	23
Komponent ta' dejn tal-gvern ċentrali	24 = [3B.7] – [3B.15]
Komponent ta' dejn tal-gvern statali	25 = [3B.9] – [3B.16]
Komponent ta' dejn tal-gvern lokali	26 = [3B.11] – [3B.17]
Komponent ta' dejn tal-fondi tas-sigurtà soċjali	27 = [3B.13] – [3B.18]
Partiti tal-memorandum	
Maturità reżidwa medja tad-dejn	28
Dejn – bonds ta' bla kupun	29

Tabella 3B

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Dejn (mhux konsolidat)	1 = 7 + 9 + 11 + 13
Elementi konsolidattivi	2 = 3 + 4 + 5 + 6 = 8 + 10 + 12 + 14 =15 + 16 + 17 + 18
Elementi konsolidattivi – valuta u depożiti	3
Elementi konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir	4
Elementi konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien twil	5
Elementi konsolidattivi – self	6

Kategorija	Nru u relazzjoni lineari
Dejn maħruġ mill-gvern ċentrali	7
li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	8
Dejn maħruġ mill-gvern statali	9
li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	10
Dejn maħruġ minn gvern lokali	11
li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	12
Dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali	13
li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern	14
Partiti tal-memorandum	
Holdings mill-gvern ċentrali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern	15
Holdings mill-gvern statali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħrajn tal-gvern	16
Holdings mill-gvern lokali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern	17
Holdings mill-fondi tas-sigurtà soċjali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'sub-setturi oħra tal-gvern	18

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET METODOLOĠIĊI

1. **Definizzjoni ta' setturi u subsetturi**

Setturi u subsetturi fl-ESA 95

		Pubbliċi	Nazzjonali privati	Ikkontrollati minn barranin
Ekonomija totali	S.1			
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.11	S.11001	S.11002	S.11003
Korporazzjonijiet finanzjarji	S.12			
Bank ċentrali	S.121			
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra	S.122	S.12201	S.12202	S.12203
Intermedjarji finanzjarji oħra, għajr korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.123	S.12301	S.12302	S.12303
Awżiljarji finanzjarji	S.124	S.12401	S.12402	S.12403
Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.125	S.12501	S.12502	S.12503
Gvern ġenerali	S.13			
Gvern ċentrali	S.1311			
Gvern statali	S.1312			
Gvern lokali	S.1313			
Fondi tas-sigurtà soċjali	S.1314			
Djar	S.14			
Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu d-djar	S.15			
Bqija tad-dinja	S.2			
L-UE	S.21			
Stati Membri tal-UE	S.211			
L-istituzzjonijiet tal-UE	S.212			
Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	S.22			

2. **Definizzjoni tal-kategoriji** ([1])

Tabella 1A:

1. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.13.
2. Dħul totali [1A.2] hija ugwali għad-dħul totali kurrenti [1A.3], miżjuda bid-dħul totali kapitali [1A.4].
3. Dħul totali kurrenti [1A.3] hija ugwali għad-dħul kurrenti totali [1A.11].
4. Dħul kapitali totali [1A.4] hija ugwali għad-dħul kurrenti totali [1A.33].
5. Infiq totali [1A.5] hija ugwali għall-infiq totali kurrenti [1A.6], miżjuda bl-infiq totali kapitali [1A.7].
6. Infiq kurrenti totali [1A.6] hija ugwali għall-infiq kurrenti totali [1A.23]
7. Infiq kapitali totali [1A.7] hija ugwali għall-infiq kapitali totali [1A.35].

([1]) [x.y] tirreferi għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.

8. Defiċit (–) jew bilanċ (+) primarju [1A.8] hija ugwali għad-defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.9], miżjuda bl-imgħax li jrid jitħallas [1A.10].

9. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.9] hija ugwali għad-defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1].

10. Imgħax li jrid jitħallas [1A.10] huwa hija ugwali għall-imgħax li jrid jitħallas [1A.28].

11. Dħul kurrenti totali [1A.11] hija ugwali għat-taxxi diretti [1A.12], miżjuda bit-taxxi indiretti [1A.15], miżjuda bil-kontribuzzjonijiet soċjali [1A.17], miżjuda bi dħul kurrenti ieħor [1A.20], miżjuda bil-bejgħ [1A.22].

12. Taxxi diretti [1A.12] hija ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

13. Taxxi diretti li għandhom jitħallsu minn korporazzjonijiet [1A.13] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul, fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.11 u S.12.

14. Taxxi diretti li għandhom jitħallsu minn djar [1A.14] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul, fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.14.

15. Taxxi indiretti [1A.15] hija ugwali għal taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

16. Taxxi indiretti li t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) [1A.16] hija ugwali għat-taxxi tat-tip tal-valur miżjud (D.211) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.13.

17. Kontribuzzjonijiet soċjali [1A.17] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali (D.61) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

18. Kontribuzzjonijiet soċjali li huma kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem [1A.18] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.6111) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

19. Kontribuzzjonijiet soċjali li huma kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati [1A.19] hija ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegati (D.6112) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

20. Dħul kurrenti ieħor [1A.20] hija ugwali għal dħul tal-proprjetà (D.4), flimkien ma' kejms fuq l-assigurazzjoni mhux tal-ħajja (D.72), flimkien ma' kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74), flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxelanji (D.75) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.13, ħlief riżorsi ta' imgħax ta' S.13 (D.41) li huma użu ukoll ta' S.13, flimkien ma rċevuti ta' sussidji oħrajn fuq produzzjoni (D.39) li huwa użu ta' S.13.

21. Dħul kurrenti ieħor li huwa imgħax li jrid jiġi rċevut [1A.21] hija ugwali għal imgħax (D.41) imniżżel fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu tas-setturi kollha għajr S.13.

22. Bejgħ [1A.22] hija ugwali għall-produttività tas-suq (P.11), miżjuda bil-produttività għal użu finali proprju (P.12), miżjuda b'pagamenti minn produttività oħra mhux tas-suq (P.131) imniżżel fost ir-riżorsi ta' S.13.

23. Ħruġ kurrenti totali [1A.23] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti [1A.24], miżjuda bl-imgħax li jrid jitħallas [1A.28], miżjuda bil-kumpens tal-impjegati [1A.29], miżjuda bil-konsum intermedju [1A.31].

24. Trasferimenti kurrenti [1A.24] hija ugwali għal pagamenti soċjali [1A.25], miżjuda b'sussidji pagabbli [1A.26], miżjuda bi trasferimenti kurrenti oħra li jridu jitħallsu [1A.27].

25. Pagamenti soċjali [1A.25] hija ugwali għal benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62), miżjuda bi trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati mal-infiq fuq prodotti fornuti lid-djar permezz ta' produtturi tas-suq (D.6311 + D.63121 + D.63131) imniżżlin fost użu ta' S.13, miżjuda bi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost użu ta' S.13 u riżorsi ta' S.15.

26. Sussidji li jridu jitħallsu [1A.26] hija ugwali għal sussidji (D.3) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

27. Trasferimenti kurrenti oħrajn [1A.27] hija ugwali għat-taxxi kurrenti fuq id-dħul, fuq il-ġid eċċ (D.5), flimkien ma' taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni (D.29), flimkien ma' dħul fuq il-proprjetà (D.4) ħlief għall-imgħax (D.41), flimkien ma' premiums tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja netti (D.71) flimkien ma' kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) imniżżla fost l-użu ta' S.13, flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxelanji (D.75) imniżżla fost użi ta' S.13 u riżorsi tas-setturi kollha ħlief S.15.

28. Imgħax li jrid jitħallas [1A.28] hija ugwali għal imgħax (D.41) imniżżel fost użu ta' S.13 u riżorsi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

29. Kumpens tal-impjegati [1A.29] hija ugwali għall-kumpens tal-impjegati (D.1) imniżżel fost użu ta' S.13.

30. Kumpens tal-impjegati li minnu pagi u salarji [1A.30] hija ugwali għal pagi u salarji (D.11) imniżżel fost użu ta' S.13.

31. Konsum intermedju [1A.31] hija ugwali għal konsum intermedju (P.2) imniżżel fost użu ta' S.13.

32. Tfaddil gross [1A.32] hija ugwali għal dħul totali kurrenti [1A.11], wara li titnaqqas l-ispiża totali kurrenti [1A.23].

33. Dħul totali kapitali [1A.33] huwa ugwali għal trasferimenti ta' kapital li jiġi rċevut (D.9) imniżżel fost tibdil fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u mniżżel bħala trasferiment kapitali li jitħallas mis-setturi kollha ħlief S.13.

34. Dħul totali kapitali li minnu taxxi kapitali [1A.34] huma ugwali għal taxxi kapitali (D.91) imniżżlin fost il-bidliet fil-passiv u fil-valur nett ta' S.13.

35. Infiq totali kapitali [1A.35] hija ugwali għal investiment [1A.36], miżjuda b'akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji [1A.37], miżjuda bi trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu [1A.38].

36. Investiment [1A.36] hija ugwali għal formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51) imniżżel fost bidliet fl-assi ta' S.13.

37. Akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji [1A.37] hija ugwali għal tibdiliet fl-inventarji (P.52), flimkien ma' l-akkwist nett ta' oġġetti ta' valur (P.53), u akkwist nett ta' assi mhux prodotti, mhux finanzjarji (K.2) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13.

38. Trasferimenti kapitali li jitħallsu [1A.38] huwa ugwali għal trasferimenti ta' kapital li jitħallsu (D.9) imniżżelin fost tibdil fil-passiv u l-valur nett ta' S.13, u mniżżlin bħala trasferiment kapitali li jiġi rċevut mis-setturi kollha ħlief S.13.

39. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.39] huwa daqs defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1] u huwa daqs defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern ċentrali [1A.40], miżjud defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern statali [1A.41], flimkien ma' defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern lokali [1A.42], flimkien ma' defiċit (–) jew bilanċ (+) ta' fondi ta' sigurtà soċjali [1A.43].

40. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern ċentrali [1A.40] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1311.

41. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern statali [1A.41] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1312.

42. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern lokali [1A.42] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1313.

43. Defiċit (–) jew bilanċ (+) ta' fondi tas-sigurtà soċjali [1A.43] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1314.

44. Kontribuzzjonijiet soċjali attwali [1A.44] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali attwali (D.611) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

45. Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus [1A.45] hija ugwali għal benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62) imniżżlin fost użu ta' S.13.

Tabella 1B:

1. Ħlasijiet minn Stat Membru lill-baġit tal-UE [1B.1] hija ugwali għal taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit tal-UE miżjuda bil-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) li trid titħallas mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.4] miżjuda bi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.5] miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.7].

2. Taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit tal-UE [1B.2] hija ugwali għal taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212.

3. Taxxi indiretti riċevibbli mill-baġit ta' l-UE, li tagħhom il-VAT riċevuta mill-baġit tal-UE, [1B.3] hija ugwali għal taxxi tat-tip fuq il-valur miżjud (D.211) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212.

4. Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti li trid titħallas mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.4] hija ugwali għal kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

5. Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.5] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

6. Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE li huma r-raba' riżorsa proprja tal-UE [1B.6] hija ugwali għall-prodott gross nazzjonali (PGN) għar-raba' riżorsa proprja bbażat fuq il-PGN (ESA 95 paragrafu 4.138) imniżżel bħala trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) fost riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

7. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit tal-UE [1B.7] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu (D.9) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u rreġistrati bħala trasferiment kapitali li jrid jiġi rċevut minn S.212.

8. Infiq tal-UE fi Stat Membru [1B.8] hija ugwali għal sussidji (D.3) li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE [1B.9], miżjuda bi trasferimenti oħra kurrenti (D.7) li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.10], miżjuda bi trasferimenti oħra kurrenti (D.7) li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.11], miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.12], miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.13].

9. Sussidji li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE [1B.9] hija ugwali għal sussidji (D.3) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212.

10. Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.10] hija ugwali għal kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74), flimkien ma' trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.212.

11. Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.11] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost użu ta' S.212 u riżorsi tas-setturi kollha għajr S.13.

12. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lill-gvern [1B.12] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jiġu rċevuti (D.9) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u fost bidliet fl-assi ta' S.212.

13. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit tal-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.13] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu (D.9) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.212 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr S.13.

14. Dħul nett mill-baġit tal-UE [1B.14] hija ugwali għad-dħul nett tal-gvern mill-baġit tal-UE miżjuda bid-dħul nett ta' unitajiet mhux governattivi mill-baġit tal-UE.

15. Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji [1B.15] hija dik il-parti tal-produttività tas-suq (P.11) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.13 jiġifieri l-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji imħallsa mill-baġit tal-UE.

Tabella 1C:

1. Infiq fuq il-konsum finali [1C.1] hija ugwali għall-infiq fuq il-konsum finali (P.3) imniżżel fost użu ta' S.13.

2. Infiq fuq il-konsum individwali [1C.2] hija ugwali għall-infiq fuq il-konsum individwali (P.31) imniżżel fost użu ta' S.13.

3. Infiq tal-konsum kollettiv [1C.3] hija ugwali għall-infiq tal-konsum kollettiv (P.32) imniżżel fost użu ta' S.13.

4. Kumpens tal-impjegati [1C.4] hija ugwali għal [1A.29].

5. Konsum intermedju [1C.5] hija ugwali għal [1A.31].

6. Trasferimenti soċjali mhux fi flus fornuti permezz ta' produtturi tas-suq [1C.6] hija ugwali għal trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati mal-infiq fuq prodotti fornuti lid-djar permezz ta' produtturi tas-suq (D.6311 + D.63121 + D.63131) imniżżlin fost użu ta' S.13.

7. Konsum ta' kapital fiss [1C.7] hija ugwali għall-konsum ta' kapital fiss (K.1) imniżżel fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13.

8. Taxxi fuq il-produzzjoni mħallsa mingħajr is-sussidji rċevuti [1C.8] hija ugwali għal ħlasijiet ta' taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) imniżżlin fost użu ta' S.13, imnaqqas id-dħul minn sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) imniżżlin fost l-użu ta' S.13.

9. Bilanċ nett tat-tħaddim [1C.9] hija ugwali għal bilanċ tat-tħaddim nett (B.2n) ta' S.13.

10. Bejgħ [1C.10] hija ugwali għal [1A.22].

11. Infiq ta' konsum finali bi prezzijiet tas-sena ta' qabel [1C.11] huwa ekwivalenti mal-volum marbut katina tal-infiq tal-konsum finali (P.3), imniżżel fost użu ta' S.13, bi prezzijiet tas-sena ta' qabel.

12. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [1C.12] huwa daqs defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1].

13. Imgħax li jrid jitħallas [1C.13] huwa daqs l-imgħax li jrid jitħallas [1A.10].

14. Imgħax inkluż *settlements* taħt *swaps* u ftehim fuq ir-rata forward [1C.14] huwa daqs l-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP) ta' imgħax (EDP D.41) imniżżel fost l-użu ta' S.13 u riżorsi għas-setturi kollha ħlief għal S.13.

15. Defiċit (–) jew bilanċ (+) EDP [1C.15] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett EDP (–) (EDP B.9) ta' S.13.

16. Dħul mir-rikavat ta' sistema universali tat-telekomunikazzjoni bil-*mobile* [1C.16] hija ugwali għad-dħul li ġej mill-bejgħ tat-tielet ġenerazzjoni ta' liċenzji ta' *mobile phones,* imniżżel bħala tneħħija ta' assi mhux finanzjarju skont deċiżjoni tal-Eurostat dwar l-allokazzjoni ta' liċenzji tal-*mobile phones.*

17. Dejn [1C.17] hija ugwali għal dejn kif definit fir-Regolament (KE) Nru 479/2009.

18. Prodott domestiku gross (PDG) skont prezzijiet kurrenti [1C.18] hija ugwali għal PDG (B.1*g) bil-prezzijiet tas-suq.

19. PDG bi prezzijiet tas-sena ta' qabel [1C.19] huwa ugwali għall-volum marbut katina tal-PDG (B.1*g) bil-prezzijiet tas-suq tas-sena ta' qabel.

20. Investiment tal-gvern bil-prezzijiet tas-sena ta' qabel [1C.20] huwa daqs il-volum marbut katina tal-formazzjoni kapitali fissa grossa (P.51), imniżżel fost tibdil fl-assi ta' S.13 bi prezzijiet kostanti.

Tabella 2A:

1. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [2A.1] hija ugwali għal [1A.1].

2. Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji [2A.2] hija ugwali għal defiċit (–) jew bilanċ (+) [2A.1], mingħajr tranżazzjonijiet netti f'assi u passiv finanzjarji [2A.3].

3. Tranżazzjonijiet netti f'assi u passiv finanzjarji [2A.3] hija ugwali għal tranżazzjonijiet fl-akkwist nett ta' assi finanzjarji [2A.4], mingħajr it-tiġrib ta' tranżazzjonijiet f'passiv [2A.15].

4. Tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji (ikkonsolidati) [2A.4] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'valuti u depożiti (F.2) [2A.5], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma (F.33) [2A.6], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji (F.34) [2A.7], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2A.8], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'ishma u ishma azzjonarji oħra (F.5) [2A.9], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji oħra [2A.13], imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr S.13.

5. Tranżazzjonijiet f'valuti u depożiti (assi) [2A.5] hija ugwali għall-akkwist nett tal-valuti u depożiti (F.2) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr S.13.

6. Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli (assi) fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil [2A.6] hija ugwali għall-akkwist nett ta' titoli mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.33), imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr S.13.

7. Tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji (assi) [2A.7] hija ugwali għall-ħlasijiet netti fir-rigward tad-derivattivi finanzjarji (F.34), imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

8. Tranżazzjonijiet f'self (assi) [2A.8] hija ugwali għal self ġdid (F.4) mogħti mill-gvern, nett minn ħlasijiet lura lill-gvern, imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

9. Tranżazzjonijiet f'ishma u f'ishma azzjonarji oħra (assi) [2A.9] hija ugwali għall-akkwist nett u ishma azzjonarji oħra (F.5) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13.

10. Privatizzazzjonijiet (netti) [2A.10] huma ugwali għal tranżazzjonijiet f'ishma u f'ishma azzjonarji oħra (F.5) imniżżla fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.11 jew S.12 li huma mwettqa fil-proċess ta' ċessjoni jew akkwist tal-kontroll (ESA 95 paragrafu 2.26) ([1]) tal-unità tad-debitur minn S.13; tranżazzjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru minn S.13 direttament mal-unità tad-debitur, jew ma' unità oħra ta' kreditu.

11. Injezzjonijiet ta' ishma azzjonarji (netti) [2A.11] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'ishma u f'ishma azzjonarji oħra (F.5) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-passiv u valur nett ta' S.11 jew S.12 li mhumiex imwettqa fil-proċess ta' ċessjoni jew ta' akkwist tal-kontroll tal-unità tad-debitur minn S.13 u huma mwettqa direttament minn S.13 flimkien mal-unità tad-debitur.

12. Oħrajn [2A.12] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'ishma u f'ishma azzjonarji oħra (F.5) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.11, S.12 jew S.14 li mhumiex imwettqa fil-proċess ta' ċessjoni jew akkwist ta' kontroll tal-unità ta' debitur minn S.13 u mhux imwettqa direttament minn S.13 mal-unità tad-debitur, iżda ma' unità kreditriċi oħra.

13. Tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji oħra [2A.13] hija ugwali għall-akkwist nett ta' deheb monetarju u ta' drittijiet speċjali ta' ġbid (F.1) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13, flimkien ma' l-akkwist nett ta' riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni (F.6), flimkien ma' kontijiet oħra riċevibbli (F.7) imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

14. Tranżazzjonijiet f'assi finanzjarji oħra li huma taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali akkumulati imma mhux imħallsin [2A.14] hija ugwali għal dik il-parti ta' kontijiet oħra li trid tiġi rċevuta (F.7 assi) li għandha x'taqsam mat-taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali mniżżlin f'D.2, D.5, D.6 u D.91, mingħajr l-ammonti ta' taxxi fil-fatt miġbura, imniżżlin fost bidliet fl-assi ta' S.13 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

15. Tranżazzjonijiet f'passiv (konsolidati) [2A.15] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'valuta u depożiti (F.2) [2A.16], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien qasir minbarra ishma, esklużi derivattivi finanzjarji (F.331) [2A.17], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien twil minbarra ishma, esklużi derivattivi finanzjarji (F.332) [2A.18], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji (F.34) [2A.19], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'self (F.4) [2A.20], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2A.22], imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet f'assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

16. Tranżazzjonijiet f'valuta u depożiti (passiv) [2A.16] hija ugwali għall-akkwist nett ta' valuti u depożiti (F.2) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet f'assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

17. Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) [2A.17] hija ugwali għall-akkwist nett ta' titoli fuq perjodu ta' żmien qasir minbarra ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.331), li l-maturità oriġinali tagħhom hija sena jew inqas, imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet f'assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

18. Tranżazzjonijiet f'titoli li mhumiex ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) [2A.18] hija ugwali għall-akkwist nett ta' titoli fuq perjodu ta' żmien twil minbarra ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.332), li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena, imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet f'assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

([1]) Li jwassal għar-riklassifikazzjoni tal-unità ta' debitur mis-subsettur S.11001 jew S.12x01 għas-subsettur S.11002/3 jew S.12x02/3 jew viċi versa.

19. Tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji (passiv) [2A.19] hija ugwali għal dħul nett fir-rigward ta' derivattivi finanzjarji (F.34) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

20. Tranżazzjonijiet f'self (passiv) [2A.20] hija ugwali għal self ġdid (F.4) misluf, nett mill-pagamenti mill-ġdid ta' self eżistenti, imniżżel fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

21. Tranżazzjonijiet f'self li huma self minn bank ċentrali [2A.21] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'self (F.4) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi ta' S.121.

22. Tranżazzjonijiet f'passiv ieħor [2A.22] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv fir-riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni (F.6), flimkien ma' kontijiet oħra li għad iridu jitħallsu (F.7) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

23. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn (ikkonsolidati) [2A.23] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv f'valuti u depożiti (F.2) [2A.16], flimkien ma' titoli minbarra ishma, għajr derivattivi [2A.17 u 2A.18] (F.33), flimkien ma' self (F.4) [2A.20]. Hija msejħa wkoll ħtieġa ta' self tal-gvern ġenerali.

24. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn fuq perjodu ta' żmien fit-tul [2A.24] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2A.23] li l-maturità oriġinali tagħhom hija ta' aktar minn sena.

25. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati fil-valuta nazzjonali [2A.25] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2A.23] denominati fil-valuta legali tal-Istat Membru.

26. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati fil-valuta barranija parteċipanti [2A.26] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2A.23] denominati f'ecu, miżjuda bi strumenti ta' dejn denominati f'euro qabel mal-Istat Membru adotta l-euro, miżjuda bi strumenti ta' dejn denominati fil-valuta legali tal-Istat Membru parteċipant qabel ma sar Stat Membru parteċipant. Teskludi valuta nazzjonali [2A.25].

27. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'valuta barranija mhux parteċipanti [2A.27] hija ugwali għat-tiġrib nett ta' passiv fi strumenti ta' dejn [2A.23] mhux inklużi fi [2A.25] jew [2A.26].

28. Ċirkolazzjonijiet oħra [2A.28] hija ugwali għal effetti ta' valutazzjoni fuq id-dejn [2A.29] flimkien ma' bidliet oħra fil-volum ta' dejn [2A.32].

29. Effetti ta' valutazzjoni fuq id-dejn [2A.29] hija ugwali għal profitti u telf fuq ishma fil-kambju [2A.30], miżjuda b'effetti ta' valutazzjoni oħra – valur apparenti [2A.31].

30. Profitti u telf fuq ishma fil-kambju [2A.30] hija ugwali għal profitti/telf fuq ishma nominali (K.11) ta' dejn [3A.1] li jaqilbu l-valur meta maqlubin fil-valuta nazzjonali minħabba bidliet fir-rati ta' kambju.

31. Effetti ta' valutazzjoni oħra – valur apparenti [2A.31] hija ugwali għal bidla fid-dejn [2A.33], imnaqqsa t-tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn (ikkonsolidati) [2A.23], imnaqqsa l-profitti u t-telf minn *holdings* ta' kambju fi flus barranin [2A.30], imnaqqsa bidliet oħra fil-volum ta' dejn [2A.32].

32. Bidliet oħra fil-volum ta' dejn [2A.32] hija ugwali għal bidliet oħra fil-volum (K.7, K.8, K.10 u K.12) f'passiv kklassifikat jew f'valuta u depożiti (AF.2), titoli mhux ishma għajr derivattivi finanzjarji (AF.33), jew self (AF.4), li mhumiex assi ta' S.13.

33. Bdil fid-dejn [2A.33] hija ugwali għal dejn [3A.1] fis-sena t, wara li jitneħħa dejn [3A.1] fis-sena t-1.

Tabella 2B:

1. Tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn – mhux konsolidati [2B.1] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (passiv) – mhux konsolidati [2B.2], miżjuda bi tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) – mhux konsolidati [2B.3], flimkien ma' tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) – mhux konsolidati [2B.4], miżjuda bi tranżazzjonijiet f'self minn bank ċentrali [2B.5], miżjuda bi tranżazzjonijiet oħra f'self ieħor (passiv) – mhux konsolidati [2B.6].

2. Tranżazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (passiv) – mhux konsolidati [2B.2] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (F.2) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13.

3. Tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) – mhux konsolidati [2B.3] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'titoli mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.33), li l-maturità originali tagħhom hija sena jew inqas, imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13.

4. Tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) – mhux konsolidati [2B.4] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'titoli mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.33), li l-maturità originali tagħhom hija ta' aktar minn sena, imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13.

5. Tranżazzjonijiet f'self minn bank ċentrali [2B.5] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'self (F.4) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi ta' S.121.

6. Tranżazzjonijiet f'self ieħor (passiv) – mhux konsolidati [2B.6] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'self (F.4) imniżżlin fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u bidliet fl-assi tas-setturi kollha għajr S.121.

7. Tranżazzjonijiet konsolidattivi [2B.7] hija ugwali għal tranżazzjonijiet fi strumenti ta' dejn – mhux konsolidati [2B.1], wara li jitnaqqsu tranżazzjonijiet fi strumenti ta'dejn (ikkonsolidati) [2A.23].

8. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – valuta u depożiti [2B.8] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (passiv) – mhux konsolidati [2B.2], mingħajr tranżazzjonijiet konsolidati f'valuti u f'depożiti (passiv) [2A.16].

9. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir [2B.9] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) – mhux konsolidati [2B.3], mingħajr tranżazzjonijiet konsolidati f'titoli minbarra ishma – titoli fuq perijodu ta' żmien qasir (passiv) [2A.17].

10. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien twil [2B.10] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) – mhux konsolidati [2B.4], wara li jitnaqqsu tranżazzjonijiet konsolidati f'titoli minbarra ishma – titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) [2A.18].

11. Tranżazzjonijiet konsolidattivi – self [2B.11] hija ugwali għal tranżazzjonijiet f'self ieħor (passiv) – mhux konsolidati [2B.6], wara li jitnaqqsu (tranżazzjonijiet ikkonsolidati f'self (passiv) [2A.20], wara li jitnaqqsu tranżazzjonijiet ikkonsolidati f'self li tagħhom huma s-self minn bank ċentrali [2A.21]).

Tabella 3A:

1. Dejn [3A.1] huwa ugwali għal dejn [1C.17].

2. Dejn – valuti u depożiti (passiv) [3A.2] hija ugwali għal dik il-parti ta' dejn [3A.1] fil-valuti u depożiti tal-istrument (AF.2).

3. Dejn – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir (passiv) [3A.3] hija ugwali għal dik il-parti ta' dejn [3A.1] fl-istrument titoli li mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (AF.33), li l-maturità originali tagħhom hija sena jew inqas.

4. Dejn – titoli fuq perjodu ta' żmien twil (passiv) [3A.4] hija ugwali għal dik il-parti ta' dejn [3A.1] fl-istrument titoli li mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (AF.33), li l-maturità oriġinali tagħhom hija aktar minn sena.

5. Dejn – self minn bank ċentrali (passiv) [3A.5] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fl-istrument self (AF.4) li huwa assi ta' S.121.

6. Dejn – self ieħor (passiv) [3A.6] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fl-istrument self (AF.4) li mhuwiex assi ta' S.121.

7. Dejn miżmum minn residenti tal-Istat Membru [3A.7] hija ugwali għal dejn miżmum minn bank ċentrali [3A.8], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3A.9], flimkien ma' dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3A.10], flimkien ma' dejn miżmum minn residenti oħra tal-Istat Membru [3A.11].

8. Dejn miżmum minn bank ċentrali [3A.8] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1], li hija assi ta' S.121.

9. Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra [3A.9] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1], li hija assi ta' S.122.

10. Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra [3A.10] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1], li hija assi ta' S.123, S.124 jew S.125.

11. Dejn miżmum minn residenti oħra tal-Istat Membru [3A.11] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1], li hija assi ta' S.11, S.14 jew S.15.

12. Dejn miżmum minn mhux residenti tal-Istat Membru [3A.12] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1], li hija assi ta' S.2.

13. Dejn denominat f'valuta nazzjonali [3A.13] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] denominata fil-valuta legali tal-Istat Membru.

14. Dejn denominat f'valuta barranija parteċipanti [3A.14] hija ugwali – qabel ma l-Istat Membru jsir Stat Membru parteċipanti – għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] denominata fil-valuta legali ta' wieħed mill-Istati Membri parteċipanti (għajr il-valuta nazzjonali [3A.13]), miżjuda b'dejn denominat f'ecu jew f'euro.

15. Dejn denominat f'valuta barranija mhux parteċipanti [3A.15] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] mhux inkluża fi [3A.13] jew [3A0.14].

16. Dejn fuq perjodu ta' żmien qasir [3A.16] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li l-maturità originali tagħha hija sena jew inqas.

17. Dejn fuq perjodu ta' żmien twil [3A.17] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] li l-maturità originali tagħha hija aktar minn sena.

18. Dejn fuq perjodu ta' żmien twil, li għandu rata ta' imgħax varjabbli [3A.18] hija ugwali għal dik il-parti ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil [3A.17] li r-rata ta' imgħax tiegħu hija varjabbli.

19. Dejn b'maturità reżidwa sa sena [3A.19] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità reżidwa ta' sena jew inqas.

20. Dejn b'maturità reżidwa ta' aktar minn sena sa ħames snin [3A.20] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità reżidwa ta' aktar minn sena sa ħames snin.

21. Dejn b'maturità reżidwa ta' aktar minn sena u sa ħames snin li r-rata ta' imgħax varjabbli tiegħu [3A.21] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità reżidwa ta' aktar minn sena sa ħames snin [3A.20] li r-rata ta' imgħax tiegħu hija varjabbli.

22. Dejn b'maturità reżidwa fuq ħames snin [3A.22] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità reżidwa fuq ħames snin.

23. Dejn b'maturità reżidwa fuq ħames snin li għandu rata ta' imgħax varjabbli [3A.23] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] b'maturità reżidwa ta' aktar minn ħames snin [3A.22] li r-rata ta' imgħax tiegħu hija varjabbli.

24. Komponent ta' dejn tal-gvern ċentrali [3A.24] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311, li mhumiex assi ta' S.1311, mingħajr l-assi ta' S.1311 li huma passiv ta' S.13 għajr S.1311 [3B.15].

25. Komponent ta' dejn tal-gvern statali [3A.25] hija ugwali għall-passiv ta' S.1312, li mhumiex assi ta' S.1312, mingħajr l-assi ta' S.1312 li huma passiv ta' S.13 għajr S.1312 [3B.16].

26. Komponent ta' dejn tal-gvern lokali [3A.26] hija ugwali għall-passiv ta' S.1313, li mhumiex assi ta' S.1313, mingħajr l-assi ta' S.1313 li huma passiv ta' S.13 għajr S.1313 [3B.17].

27. Komponent ta' dejn ta' fondi tas-sigurtà soċjali [3A.27] hija ugwali għall-passiv ta' S.1314, li mhumiex assi ta' S.1314, mingħajr l-assi ta' S.1314 li huma passiv ta' S.13 għajr S.1314 [3B.18].

28. Maturità reżidwa medja ta' dejn [3A.28] hija ugwali għall-maturità reżidwa medja peżata bl-ammonti pendenti, imfissra fi snin.

29. Dejn – bonds ta' bla kupun [3A.29] hija ugwali għal dik il-parti tad-dejn [3A.1] fil-għamla ta' bonds ta' bla kupun, jiġifieri bonds mingħajr ħlasijiet ta' kupuni, li l-imgħax tagħhom huwa bbażat fuq id-differenza bejn il-prezzijiet tal-fidi u tal-ħruġ.

Tabella 3B:

1. Dejn – mhux konsolidat [3B.1] hija ugwali għall-passiv ta' S.13, inkluż dawk li huma assi ta' S.13, fl-istess strumenti bħal tad-dejn [3A.1].

2. Elementi konsolidattivi [3B.2] hija ugwali għall-passiv ta' S.13 li simultanjament huma assi ta' S.13, fl-istess strumenti bħal tad-dejn [3A.1].

3. Elementi konsolidattivi – valuta u depożiti [3B.3] hija ugwali għal dik il-parti ta' elementi konsolidattivi [3B.2] fl-istrument valuta u depożiti (F.2).

4. Elementi konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien qasir [3B.4] hija ugwali għal dik il-parti ta' elementi konsolidattivi [3B.2] fl-istrument titoli mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.33), li l-maturità originali tagħhom hija sena jew inqas.

5. Elementi konsolidattivi – titoli fuq perjodu ta' żmien twil [3B.5] hija ugwali għal dik il-parti ta' elementi konsolidattivi [3B.2] fl-istrument titoli mhux ishma, għajr derivattivi finanzjarji (F.33), li l-maturità oriġinali tagħhom hija aktar minn sena.

6. Elementi konsolidattivi – self [3B.6] hija ugwali għal dik il-parti ta' elementi konsolidattivi [3B.2] fl-istrument self (F.4).

7. Dejn maħruġ mill-gvern ċentrali [3B.7] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311, li mhumiex assi ta' S.1311, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

8. Dejn maħruġ mill-gvern ċentrali li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern [3B.8] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311 li huma assi ta' S.1312, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

9. Dejn maħruġ mill-gvern statali [3B.9] hija ugwali għall-passiv ta' S.1312, li mhumiex assi ta' S.1312, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

10. Dejn maħruġ mill-gvern statali li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern [3B.10] hija ugwali għall-passiv ta' S.1312 li huma assi ta' S.1311, S.1313 jew S.1314, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

11. Dejn maħruġ mill-gvern lokali [3B.11] hija ugwali għall-passiv ta' S.1313, li mhumiex assi ta' S.1313, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

12. Dejn maħruġ mill-gvern lokali li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern [3B.12] hija ugwali għall-passiv ta' S.1313 li huma assi ta' S.1311, S.1312 jew S.1314, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

13. Dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali [3B.13] hija ugwali għall-passiv ta' S.1314, li mhumiex assi ta' S.1314, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

14. Dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali li huwa miżmum minn subsetturi oħra tal-gvern [3B.14] hija ugwali għall-passiv ta' S.1314 li huma assi ta' S.1311, S.1312 jew S.1313, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

15. *Holdings* mill-gvern ċentrali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.15] hija ugwali għall-passiv ta' S.1312, S.1313 jew S.1314 li huma assi ta' S.1311, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

16. *Holdings* mill-gvern statali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.16] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1313 jew S.1314 li huma assi ta' S.1312, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

17. *Holdings* mill-gvern lokali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.17] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1314 li huma assi ta' S.1313, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

18. *Holdings* mis-sigurtà soċjali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'subsetturi oħra tal-gvern [3B.18] hija ugwali għall-passiv ta' S.1311, S.1312 jew S.1313 li huma assi ta' S.1314, fl-istess strumenti ta' dejn [3A.1].

ANNESS III

STANDARDS FUQ IT-TRAŻMISSJONI U L-IKKODIFIKAR

Għat-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni statistika kif deskritt fl-Artikoli 2 u 3, il-BĊNi u l-BĊE jużaw il-faċilità EXDI. Il-fajls tad-*data* jkunu kkodifikati fil-format tal-messaġġ SDMX-EDI (GESMES/TS). Kull serje temporali hija rrappreżentata bl-użu tal-familja tal-kodiċi ECB_GST1 li tidher hawn isfel.

Familja tal-kodiċi ECB_GST1

Numru	Isem	Deskrizzjoni	Lista tal-Kodiċi
1	Frekwenza	Frekwenza tas-serje temporali rrapportata	CL_FREQ
2	Żona ta' referenza	Kodiċi tal-pajjiż ISO li jkun magħmul minn żewg ċifri alfanumeriċi tal-pajjiż li qed jirrapporta jew tal-aggregat.	CL_AREA_EE
3	Indikatur ta' l-aġġustament	Id-dimensjoni tindika jekk ikunx ġie applikat xi tip ta' aġġustament għas-serje temporali, bħal aġġustamenti staġjonali u/jew tal-jum ta' xogħol	CL_ADJUSTMENT
4	Użu jew settur kreditur/assi	Settur li għalih, il-kategorija hija użu/bidla fl-assi	CL_SECTOR_ESA
5	Partita	Kategorija tas-serje temporali	CL_GOVNT_ITEM_ESA
6	Settur tar-riżorsa jew debitur/passiv	Settur li għalih, il-kategorija hija riżorsa/bidla fil-passiv u fil-valur nett	CL_SECTOR_ESA
7	Valutazzjoni	Metodu ta' valutazzjoni użat	CL_GOVNT_VALUATION
8	Unità tas-serje	Unità tal-kategorija rrapportata u karatteristiċi oħra	CL_GOVNT_ST_SUFFIX

FTEHIM

IL-KUNSILL

Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet antikompetittivi

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet antikompetittivi daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009, bil-proċeduri previsti fl-Artikolu 11(1) tal-Ftehim li tlestew f'dak il-jum.

FTEHIM

Il-Kunsill

★ **Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet antikompetittivi** 46

MT

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT